FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 30 ta' April 2025

**Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Keith Arnaud)**
**vs**
**Aaron Cassar**

Każ. nru. 129/2017 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Aaron Cassar** ta' 37 sena, bin John u Mary Grace nee' Mallia, imwieled il-Pieta' nhar l-20 ta' Frar 1980, residenti ġewwa Block G flat 1, Triq tal-Iblieq, Kirkop u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 137880M akkużat talli:

1. Matul il-lejl tal-11 u 12 ta' Frar 2017, ġewwa l-Marsa, dolożament bil-ħsieb li jagħmel delitt, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta volontarjament ipprova jagħti n-nar lil dar ta' abitazzjoni meta hemm ġew kien hemm persuni jew seta` jobsor li f' dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuni, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi haga aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. U aktar talli nhar l-14 ta' Novembru 2016 ġewwa l-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Starlet, bin-numru tar-reġistrazzioni JDM829, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan għad-detriment ta' Godwin Caruana u/jew persuni oħra;

3. U aktar talli nhar id-19 ta' Novembru 2016, ġewwa Ħal Luqa, ikkommetta serq ta' par tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura tal-marka Toyota Vitz, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBQ952, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u li sar għad-detriment ta' Albert Caruana u/jew persuni oħra;
4. U aktar talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża zewġ pari tarek tar-reġistrazzioni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vettura, u cioe uża tarek tar-reġistrazzioni EBQ952 minflok in-numri oriġinali JDM829;
5. U aktar talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċiu għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentament għamel dikjarazzioni jew stqarrija falza jew ta' tagħrif falz billi iffalsifika n-numri tar-reġistrazzioni ta' vettura ta' l-għamla Toyota Starlet bir-reġistrazzioni oriġinali JDM829, u ċioe billi waħħal numru tar-reġistrazzjoni EBQ952, li hu falz u jappartjeni vettura differenti;
6. U aktar talli bejn Novembru 2016 u Frar 2017, xjentement f'Malta laqgħa għandu jew xtara ħweijeg misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi:

i. Titratta lill-imputat Aaron Cassar bħala reċediv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;
ii. Tħaddem kontra l-imputat il-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat illi permezz tan-nota bl-artikoli datata 28 ta' Ottubru 2020 l-Avukat Ġenerali talab li tinstab ħtija taħt is-segwenti artikoli:

i. L-artikoli 41(1)(a) u 316(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
ii. L-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279(b), 280, 281, u 282 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
iii. L-artikoli 261(g), 271, 281, u 282 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
iv. L-artikoli 15(1A) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolament 32(5), 44(5) u 44(6) tar-Regolamenti

dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02);

v. L-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
vi. L-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
vii. L-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
viii. L-artikoli 17, 23, 31, 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' Diċembru 2021 l-imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Dan il-każ jirrigwarda allegat attentat ta' ħruq doluż b'periklu għall-ħajja, ai termini tal-artikolu 316 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li seħħ matul il-lejl tal-11 u 12 ta' Frar 2017 ġewwa l-Marsa. Apparti dan l-attentat ta' ħruq doluż, il-prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat ukoll b'serq ta' vettura u par tarek ta' reġistrazzjoni, riċettazzjoni u falsifikazzjoni jew użu ta' dokument iffalsifikat u l-ogħti ta' dikjarazzjoni falza lil xi awtorità pubblika. Fil-mori tal-kawża ġew prodotti is-segwenti xhieda mill-partijiet li in in suċċint xehdu hekk:

**PS1152 Manuel Saliba** xehed illi filgħodu tal-ġurnata tat-12 ta' Frar 2017 kien ġie infurmat mill-Ispettur Keith Arnaud biex imorru Simpson Street, Marsa għaliex kien instab kadavru ta' raġel fit-triq. Meta waslu il-mejjet kien għadu ma ġiex identifikat u kienu sabu vettura Toyota Starlet li kellha pjanċi li ma kinux jikkorrispondu għall-vettura. Aktar tard mill-investigazzjoni kien irriżulta li kemm il-vettura u kif ukoll il-pjanċi kienu misruqa, u l-persuna mejta ġie identifikat bħala Sylvester Farrugia. Waqt il-kors tal-investigazzjoni kienet daħlet informazzjoni li l-inċident seta` ma seħħx fuq il-post, u filfatt minkejja li l-vettura kellha l-ħġieġ ta' wara imkisser ma kien hemm l-ebda ħġieġ fuq il-post fejn instabet. Hu u l-Ispettur Keith Arnaud kienu marru Triq il-Għabex fejn irriżulta li kien hemm persuna li filgħodu kienet kinset it-triq minħabba li kienet sabet ħafna ħġieġ quddiem il-bieb. Fit-tarf ta' din it-triq, kif l-uffiċjali tal-pulizija fetħu bieb ta' proprjetà li kellha żewġ bibien ħarġet riħa qawwija ta' *fuel* u raw qisha ftila mal-art bejn iż-żewġ bibien. Meta ħabbtu l-bieb ma fetaħ ħadd, u għalhekk investigaw biex jaraw min kien joqgħod f'din id-dar u aktar tard dik il-ġurnata kien ġie mitkellem Deniro Magri. Kien niżżlu wkoll xi *CCTV footage* ta' Triq Simpson u minnu rriżulta li għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs u ħamsa ta' filgħodu (02:35) minn Triq il-Għabex tidher vettura nieżla mat-triq u persuna ħierġa minnha.

**In kontro-eżami** mistoqsi jekk jirriżultax min kienet din il-persuna li dehret fil-filmat li semma qal li kien hemm żewġ persuni li dehru fil-filmat u waħda minnhom kienet tixbah ħafna lill-imputat Aaron Cassar.

**L-Ispettur Keith Arnaud** xehed illi fit-12 ta' Frar tas-sena 2017 kien ġie infurmat dwar omiċidju li seħħ ġewwa l-Marsa, fejn kienet instabet persuna mejta milquta b'tir ta' arma tan-nar ġewwa Triq Simpson, Marsa. Huwa wasal fuq il-post għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu (08:00) u ra persuna mejta wiċċu `l fuq ħdejn karozza tal-għamla Toyota Starlet li dehret miftuħa. Din il-vettura kellha xi ħġieġ imkisser u kien hemm indikazzjoni li l-kadavru seta' kellu x'jaqsam ma' din il-karozza, peress li nstabet żarbuna tal-persuna mejta f'din il-karozza u l-ħġieġ tan-naħa tal-passiġġier ta' quddiem tan-naħa tax-xellug ukoll kien imkisser, u għaliex kien hemm tiċrita mas-seat ta' wara livell ta' fejn normalment ikun hemm il-headrest. Fil-viċinanzi instab *hoodie* tal-lewn ħamrani li kien jidher li ma tantx kien ilu mitluq mal-art peress li ma kienx hemm daqshekk ħmieġ miegħu u allura ġie preservat u elevat. Ix-xena tad-delitt ġiet preservata u infetħet Inkjesta Maġisterjali. Mill-investigazzjoni irriżulta li l-vittma kien ċertu Sylvester Farrugia. Il-vettura rriżulta li kienet misruqa, u l-pjanċi li kellha fuqha kienu wkoll misruqa u kienu jappartjenu Toyota Vitz. Kemm il-vettura u kif ukoll il-pjanċi kienu nsterqu f'Novembru 2016. Il-vettura Toyota Starlet suppost kellha numru ta' reġistrazzjoni JDM829. Inġabar il-footage mil-cameras tas-sigurta kollha li setgħu kienu relevanti, liema footage ġie *downloaded* mill-espert inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Martin Bajada.

Mill-investigazzjoni rriżulta li tlett blokok il-bogħod minn fejn instab il-kadavru ta' Sylvester Farrugia, fi Triq il-Għabex instab xi ħġieġ mal-art mifrux tul ta' ċirka żewġ karozzi jew tlieta. Il-kollegi tiegħu bdew jitkellmu man-nies li kienu joqgħodu f'din it-triq u waħda minn dawn il-persuni ikkonfermatilhom li dakinhar kienet sabet ammont ta' ħġieġ mhux ħażin meta ħarġet biex tisma' l-quddies u kienet kinsitu u għamlitu ġo *garbage bag* li ġiet elevata mill-pulizija. Resident ieħor ta' din it-triq qalilhom li kien sema' xi faqqaturi għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu u ħoss ta' vettura titlaq jew tinstab f'dik it-triq fejn id-dar tiegħu. Waħda mid-djar f'din it-triq, li kienet bla numru iżda kellha l-isem Carmangela House kellha *cameras* tas-sigurta. Meta l-uffiċjali tal-pulizija fetħu l-bieb tal-aluminium ta' din id-dar biex ikunu jistgħu iħabbtu fuq il-bieb tal-injam li kien hemm warajh ħarġet riħa qawwija ta' petrol jew diesel u fuq l-għatba li kienet tifred dawn il-bibien ra xkora imdawra b'*duct tape* iswed li setgħet possibbilment kienet imċappas bil-fuel. Huwa għalhekk inkariga lil team forensiku biex jelevaw il-provi. Irriżulta li f'din id-dar kien joqgħod Deniro Magri, li meta bagħtu għalih ikkonferma li huwa kien joqgħod f'dik id-dar flimkien ma' martu Nicolette u t-tifel tagħhom. Qalilhom li fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd kien id-dar mal-familja tiegħu u

għall-ħabta tas-sagħtejn kwart jew u nofs ta' filgħodu semgħu ħoss mal-bieb u minn fuq il-cameras ra żewġ persuni jersqu lejn il-bieb u huwa dak il-ħin ħareġ arma tan-nar li kien iżomm fil-kċina u spara tiri lejn dawn il-persuni li marru jiġri lejn karozza ipparkjata ftit l-isfel mid-dar tiegħu. Qallu li kif fetaħ il-bieb waqa' tyre ta' karozza għall-ġewwa u l-art kienet mimlija fuel tant li beda jgħaffeġ fih, u hu qabad it-tyre u jerrycan li kien hemm u remihom għall-isfel fuq il-blat li hemm fi Triq Diċembru Tlettax, viċin in-niċċa tal-Madonna. Marru ma' Magri fuq il-post u instabu dawn l-oġġetti li ġew elevanti mit-tim forensiku sabiex jiġu eżaminati. Il-jerrycan li rema Deniro Magri kien mingħajr tap u dan it-tap instab fis-seat ta' wara tal-vettura Toyota Starlet li nstabet ħdejn il-kadavru.

Minn analiżi tal-*footage* tal-cameras tas-sigurta raw illi t-Toyota Starlet li nstabet ħdejn il-kadavru ta' Sylvester Farrugia ġiet bi *speed* qawwi minn naħa tad-dar ta' Deniro Magri, niżlet fi Triq it-Tiġrija, għaddiet minn Triq il-Marsa, u kisret direzzjoni lejn fejn sabuha. Dan kien għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu. Wara li din il-vettura waslet fuq il-post raw raġel twil, fih raġel, liebes *hoodie* iżda l-*hood* ma kinitx ġo rasu, miexi fi Triq Simpson direzzjoni lejn Triq Balbi. Dan deher li kellu ingwanti. Tela' u niżel minn din it-triq xi drabi imbagħad reġa mar lejn id-direzzjoni fejn instab il-kadavru iżda din id-dar tella l-*hood.* Ftit tal-mument wara niżel l-isfel u ma reġax deher iktar. Wara ftit niżlet Toyota Vitz lejn Triq Balbi u wara xi mumenti bdiet tirriversja u mbagħad reġgħet niżlet u waqfet eżatt quddiem il-camera. Minn din il-vettura ħareġ persuna li fetaħ il-bieb meda lejn wara tal-karozza, waqaf fin-nofs u mexa lejn id-direzzjoni tan-naħa tax-xellug tal-bankina eżatt fejn sabu l-*hoodie* ta' lewn ħamrani. Dam ftit sekondi, rikeb fil-karozza u telaq u minn hemmhekk ma deherx aktar. Din il-vettura tal-għamla Toyota Vitz għarfu li kienet ta' Sylvester Farrugia peress li kellha towbar. Huwa identifika lil persuna li kien qed isuq din il-vettura bħala Aaron Cassar, l-imputat.

Meta marru jkellmu lill-familjari ta' Sylvester Farrugia saru jafu li ommu kienet marret tfittex lil binha meta ma rritornax id-dar u kienet sabet il-karozza tiegħu abbandunata fi Triq il-Belt Valletta, Ħal Luqa, bit-twieqi imniżżla, iċ-ċwievet fl-*ignition* u xi ċwievet mitluqa, u saqitha lura d-dar. Il-mobile ta' Farrugia ma kienx fil-karozza.

Fil-ħin tal-arrest l-imputat kellu *mobile* Alcatel bin-numru 79045121 li ġie elevat, u preżenta DOK KA2 li hija riċevuta ta' dan il-mobile li ġie elevat. L-imputat għażel li jirrinunzja għad-dritt li jikkonsulta ma' avukat (DOK KA3). Kienu ittieħdulu xi swabs minn Dr. Marisa Cassar għad-DNA, u jumejn wara ittieħdet stqarrija bil-miktub, fejn l-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu (DOK KA5). Fil-15 ta' Frar 2017 l-imputat ġie rilaxxat fuq *police bail* pendenti r-riżultati tal-analiżi tad-DNA, u l-police bail kien reġa ġie estiż peress li r-riżultati kien għadhom mhux lesti (DOK KA6 – KA8).

Fis-16 ta' Marzu 2017 kellhom l-analiżi ta' DNA lesta mill-liema rriżulta li kien hemm DNA jaqbel ma' tal-imputat fil-vettura Toyota Starlet u fil-hoodie li nstab mormi fit-triq. L-imputat reġa għażel li ma jikkonsultax ma' avukat (DOK KA9) u ġie interrogat fejn għażel ma jweġibx għal ħafna mid-domandi (DOK KA11) L-imputat ġie muri stills iżda innega li kien hu (DOK KA10).

Esebixxa wkoll l-okkorrenza relatata mal-omiċidju ta' Sylvester Farrugia (DOK KA12), l-okkorrenza li tirrigwarda s-serq tal-pjanċi EBQ952 (DOK KA13), u l-okkorrenza li tirreferi għas-serqa tal-vettura Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM829 (DOK14).

**Riprodott** preżenta vera kopja ta' sentenza datata 10 ta' Diċembru 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-konfront tal-imputat, immarkata bħala DOK KAX1. Inoltre, esebixxa formalment il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM829 li dakinhar tal-każ kellha l-pjanċi bin-numru EBQ952, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SYL515. Preżenta wkoll vera kopja ta' sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat fid-19 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli. Preżenta wkoll vera kopja ta' sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Maġistrati fl-1 ta' Settembru 2004, immarkata bħala DOK KAX1.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet illi hija kienet ġiet maħtura fl-inkjesta dwar il-qtil ta' Sylvester Farrugia ġewwa Triq Simpson, il-Marsa, nhar it-12 ta' Frar 2017, u kienet ġiet mgħoddija diversi esebiti mis-*scene of the crime officers.* Hija kienet ġabret numru ta' swabs ta' Deniro Magri, Kevin Falzon u l-imputat u għamlet analiżi komparattiva bejn il-profili ġenetiċi. Minn din l-analiżi komparattiva kien hemm numru ta' esebiti, u ċioe 17 AJX 207 D, 17 AJX 207H, 17AJX 208 A, 17 AJX 204 EKA, u 17 AJX 204 CKA fejn kien qbil bejn il-profil ġenetiku li ħareġ mill-esebit u mill-iswab meħud mill-imputat. Xehdet li kien hemm numru ta' ħwejjeġ fejn il-profil ġenetiku qabel ma' dak ta' Sylvester Farrugia, però kien hemm ġakketta kulur *wine* fejn il-profil ġenetiku qabel ma' dak tal-imputat. Hija preżentat rapport li ġie mmarkat bħala DOK MC.

**Riprodotta** esebiet formalment il-kampjuni imsemmija a *fol* 103 sa 118 tal-atti, u spjegat li l-kampjuni oriġinali jinsabu esebiti fl-atti tal-kawża Il-Pulizija vs Deniro Magri.

**Silvia Camilleri** xehdet illi hija toqgħod fi Triq il-Għabex, Marsa, li tmiss ma' Triq San Pawl, u d-dar tagħha tinsab qisu xi sitt bibien il-bogħod minn Triq San Pawl. Xehdet illi fi Frar 2017 kienet qamet il-Ħadd filgħodu biex tmur għal quddies u sabet it-triq kollha ħġieġ, u għalhekk kienet ġabritu wara li ġiet lura mill-quddies peress li ma kinitx taf x'ġara. Dakinhar stess kienu kellmuha l-pulizija. Hija ħarġet mid-dar għal xi t-

tmienja neqsin għaxra (07:50) u waslet lura d-dar għal xi d-disgħa neqsin għaxra (08:50), u kien dak il-ħin li ġabret il-ħġieġ. Spjegat li dan il-ħġieġ kien frak u kien mifrux fuq il-bankina u ħdejn il-karozza tagħhom li kienet ipparkjata eżatt faċċata tad-dar u kien hemm ħġieġ qisu tul il-karozza kollha. Bħala ammont spjegat li kienet imliet borża żgħira sewda. Din il-borża ħallietha fuq iċ-ċint tad-dar, imbagħad kien ġabruha l-pulizija. Xehdet illi s-Sibt hija ma kinitx ħarġet mid-dar u lanqas kienet ittawlet barra peress li t-tfal kienu d-dar. Lanqas ma semgħet xi ħaġa mhux tas-soltu matul il-lejl.

**Brian Farrugia** xehed in rappreżentanza tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta, illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM-829 hija vettura tal-għamla Toyota Starlet ta' lewn abjad irreġistrata f'isem Godwin Caruana u kienet ilha hekk irreġistrata mit-12 ta' Settembru 2013. Il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ-952 kellha n-numru ta' reġistrazzjoni mibdul għal EBZ-723 fil-21 ta' Novembru 2016, u hija vettura tal-għamla Toyota Vitz ta' lewn roża irreġistrata f'isem Albert Caruana, u ilha hekk irreġistrata mit-8 ta' Ġunju 2011. Il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SYL515 hija vettura tal-għamla Toyota Vitz ta' lewn silver irreġistrata f'isem Rosanna Brincat mit-8 ta' Mejju 2017.

**Emily Abela** xehdet in rappreżentanza ta' Melita Ltd illi n-numru 79920832 huwa rreġistrat fuq isem Kevin Falzon u n-numru 77956775 huwa irreġistrat fuq isem Sylvester Farrugia. Hija preżentat dokument u CD li juru l-call profile u sms profile ta' dawn iż-żewġ numri, li jinkludu l-Imei u l-localisation details, li flimkien ġew immarkati bħala DOK EA. Il-perjodu kopert minn din l-informazzjoni hija bejn l-1 ta' Ottubru 2016 sal-1 ta' Marzu 2017.

**Anthony Bonnici** xehed in rappreżentanza tal-Go Mobile u preżenta tlett CDs li juru l-*call profiles* tal-mobile bin-numru 79045121, li ġie mmarkat bħala DOK AB. Dan in-numru, għalkemm huwa linja tal-Go Mobile, mhuwiex irreġistrat. L-informazzjoni, li tinkludi il-localisation details u l-imei number li magħhom kien paired il-mobile, tkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2016 u l-14 ta' Frar 2017. Spjega li l-informazzjoni dwar il-localisation tkun l-indirizz tac-cell id li jkun qabad magħha l-mobile biex ikun irċieva jew għamel telefonata jew sms.

**In kontro-eżami** xehed illi biex ikun hemm localisation irid ikollok telefonata jew sms, u l-indirizz ikun tar-repeater ma' liema jkun qabad il-mobile biex għamel jew irċieva it-telefonata jew sms.

**Joseph Cachia** xehed illi huwa għandu blokka ta' garaxxijiet fiż-Żurrieq u fl-2012 kien kera wieħed minnhom lil Sylvester Farrugia. Huwa preżenta kopja tal-ftehim tal-kera, immarkat bħala DOK JC, li fuqu tidher il-firma ta' Sylvester Farrugia. Xehed li sal-

ġurnata tax-xhieda tiegħu, u ċioe l-15 ta' Mejju 2017, dan il-garaxx kien għadu mikri lil Farrugia. Mistoqsi għalfejn kien inkera dan il-garaxx wieġeb li Farrugia kien qallu li kellu karozza li ried ipoġġiha ġo dan il-garaxx biex jirranġaha.

**Riprodott** u b'referenza għad-dokument a *fol* 169 tal-atti xehed illi hu kien kera garaxx *basement level* lil Sylvester Farrugia, u li normalment kienet omm Sylvester Farrugia li kienet tmur tħallas il-kera. Dan il-garaxx kien inkera fis-17 ta' Mejju 2011 u baqa' hekk mikri sakemm ingħata ċ-ċwievet lura mill-Qorti fl-2017. Safejn jaf hu kienu hu u ommu li kellhom aċċess għal dan il-garaxx, u hu kien ta' ċavetta biss lil Sylvester Farrugia. Xehed li hu qatt ma ra lil Sylvester Farrugia f'dan il-garaxx peress li kien imur fil-*basement* rarament meta kien ikun hemm bżonn xi *maintenance* fil-komun.

**PS1314 Raymond Ambrogio** xehed illi fid-19 ta' Novembru 2016 ċertu Albert Caruana kien mar jagħmel rapport li sab żewġ pjanċi neqsin tal-vettura tiegħu meta kien ipparkjata barra l-bini ta' San Vincenz de Paule, ġewwa Ħal Luqa. Huwa preżenta r-rapport relattiv, immarkat bħala DOK RA.

**Albert Caruana** xehed illi fid-19 ta' Novembru 2016 kien wasal San Vincenz de Paule għax-xogħol fis-sitta ta' filgħodu (06:00) u pparkja l-vettura tiegħu, Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ952, ħdejn il-*canteen* ta' San Vincenz. X'ħin ħareġ mix-xogħol fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30) ra li l-pjanċi tal-karozza tiegħu kien maqlugħin u għalhekk daħal ħdejn is-security u ċempel lill-pulizija li qalulu biex imur jagħmel rapport, kif filfatt għamel. Peress li l-karozza ma setax jużaha mingħajr pjanċi it-Tnejn kien mar u għamel pjanċi ġodda, b'log book u liċenzja ġdida.

**Riprodott** xehed illi li huwa kien mar jagħmel rapport dwar il-pjanċi misruqa fl-għassa ta' Ħal Luqa nhar id-19 ta' Novembru 2016, u kkonferma li l-pjanċi kellhom in-numru EBQ952.

**Godwin Caruana** xehed illi huwa joqgħod fi Triq San Nikola u fil-15 ta' Novembru kien ħareġ ipejjep sigarett fil-gallarija għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (08:30) u induna li ma kienx qiegħed jara l-karozza, li kienet ilha ipparkjata fi Triq Fountain minn Awissu, avolja suppost kienet tidher mill-gallarija. Wara li vverifika ma' oħtu li ma kinitx użat il-karozza kien mar l-għassa tal-Belt biex jirrapporta li nsterqitlu l-karozza. Din il-vettura kellha n-numru ta' reġistrazzjoni JDM827 u kienet Toyota Starlet. Xehed li din il-vettura kien xtraha għal prezz ta' xi €3,000 u kienet ilha għandu xi tlieta jew erbgħa snin. Qal li l-aħħar li kien ra din il-karozza kien fil-14 ta' Novembru għal ħafna ta' xi disgħa jew l-għaxra ta' filgħaxija (21:00/22:00) qabel daħal jorqod.

**In kontro-eżami** xehed li oħtu wkoll kellha ċ-ċwievet ta' din il-karozza u kienet isuqha aktar milli kien isuqha hu.

**Riprodott** xehed illi kien ħa żball meta kien xehed oriġinarjament għaliex il-karozza tiegħu li ġiet misruqa kellha n-numru ta' reġistrazzjoni JDL829 u mhux JDM827.

**Mary Farrugia** xehdet illi hija omm Sylvester Farrugia u li hi u binha kienu joqgħodu flimkien iż-Żurrieq. Fil-11 ta' Frar 2017 kien ħareġ u qalilha li kienu sejrin isajru fl-għalqa. Sal-għada però baqa' ma ċemplilix li kienet xi ħaġa stramba peress li ssoltu jekk kienet taqalu l-batterija tal-mobile kien jagħmel kuntatt magħha minn fuq il-mobile ta' xi ħadd. Għalhekk, fit-12 ta' Frar 2017 waqt li kienet ix-xogħol kienet ċemplet lil ħabib ta' Sylvester, Anthony Caruana, li kien mar ikellimha fuq ix-xogħol, flimkien ma' ħbieb oħra ta' Sylvester, u ċioe Rebecca, Kilmer u Kevin Falzon li l-laqam tiegħu fuq iċ-Ċoqċoq. Kien sejrin ifittxu lil Sylvester l-għalqa, li kienet iż-Żurrieq, limiti tal-Qrendi, iżda waqt li kien telgħin it-telgħa tal-Andrews, f'Ħal Luqa, lemħet il-karozza ta' Sylvester, Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni SYL515, u niżlet tiġri biex tara jekk tarahx fiha. Farrugia uwa ma kienx hemm kien hemm iċ-ċwievet fil-karozza. Kevin Falzon baqa' jinsisti biex imorru l-għalqa iżda hi qalet li la ċ-ċwievet kienu fil-karozza Sylvester ma kienx l-għalqa. Dan kien għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00). Żiedet li waqt li kienu fit-triq Kevin Falzon kien irċieva żewġ telefonati, waħda mingħand Aaron, u Kevin kien qal lil Aaron li kien hemm omm Sylvester magħhom ha jfittxuh. Spjegat li taf li kien Aaron fuq it-telefon għaliex hi kienet bilqiegħda wara Kevin Falzon u semgħatu jsemmu isem Aaron. Il-vettura ta' Sylvester kien sabuha bit-twieqi imniżżlin, tħares lejn id-direzzjoni tal-Marsa u bil-handbrake imtella. Fil-karozza kien hemm xi €30, u l-mazz taċ-ċwievet ta' Sylvester iżda l-mobile tiegħu ma kienx hemm. Kevin Falzon kien niżżel il-handbrake peress li kien ibies wisq u ma rnexxilix tniżżlu hi u kienet saqitha lejn id-dar iż-Żurrieq. Mistoqsiha jekk tafx lill-imputat xehdet li darba, għal xi Ottubru 2016, kien mar wara l-bieb ma' Kevin Falzon u kienet qalet lil Sylvester biex ma jġibux id-dar iktar għaliex kienet semgħatu jidgħi.

**Anthony Caruana** xehed illi fil-11 ta' Frar kienu hu, Sylvester, Vince u Kilmer fil-garaxx tiegħu iż-Żurrieq u kienu qed jippreparaw biex jagħmlu ikla l-Ħadd, u ċioe l-għada, fl-għalqa fiż-Żurrieq. Sylvester telaq għal bejn nofs il-lejl u n-nofsiegħa ta' filgħodu (00:00 – 00:30) iżda ma qallux fejn kien sejjer. Kienu ftehmu li jekk imur lura Sylvester kellu jċempillu u peress li ma ċċempillux ix-xhud kien bagħat messaġġ lil Sylvester fis-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30) iżda Sylvester ma kienx irrispondih. Il-Ħadd imbagħad kienu mar ifittxu flimkien ma' Kilmer Rebecca, Mary u Kevin Falzon magħruf bħala iċ-Ċoqċoq, peress li kien għadu ma rritornax id-dar. Kienu marru jiltaqgħu ma' Maru il-poliklinika ta' Raħal Ġdid fejn kienet taħdem, u marru jfittxuh iż-Żurrieq. Mat-

triq iltaqgħu mal-karozza ta' Sylvester fejn hemm il-Baxter u l-Bortex. Il-karozza ta' Sylvester kienet ipparkjata mal-ħajt tħares lejn id-direzzjoni tal-Marsa, bit-twieqi nofshom imniżżlin u biċ-ċwievet ġo l-*ignition.* Mary u Rebecca ħadu l-karozza, wara li niżżel il-handbrake Kevin. Xehed li hu kienu ilu jaf lil Sylvester fuq il-ħmistax -il sena u issa kien sar jaf li Sylvester kien jagħmilha wkoll ma' klikka oħra li kienet tinkludi lil Kevin Falzon 'iċ-Ċoqċoq' li sa fejn jaf kien jaħdem ma' Sylvester. Mistoqsi minn ikkuntatja lil Falzon biex imur magħhom xehed illi kien rawh fit-triq ħdejn l-iskola taż-Żurrieq, kumbinazzjoni u waqfu jsaqsuh jekk kienx jaf fejn kien Sylvester u kien staqsa lil Kevin biex imur magħhom. Sakemm kienu fil-karozza Kevin Falzon kien qal numru ta' drabi li ma kienx jaf fejn kien Sylvester.

**Rebecca Fenech** xehdet illi hija kienet ċemplet lil Kilmer u lil Anthony, li kienu marru d-dar tagħha u marru bil-karozza ta' Anthony biex flimkien imorru jfittxu lil Sylvester. Kienu daru ż-Żurrieq. Fil-pjazza taż-Żurrieq iltaqgħu ma' Kevin li rahom imfixklin, u meta qalulu li kienu qed ifittxu lil Sylvester kien offra li jmur ifittxu magħhom. Imbagħad marru Raħal Ġdid fejn kienet taħdem omm Kevin, Mary, li ingħaqdet magħhom ifittxu lil Sylvester. Il-pjan kien li jmorru ż-Żurrieq, iżda waqt li kienu għaddejjin mill-Marsa raw il-karozza ta' Sylvester ipparkjata mal-ħajt, b'nofs it-twieqi imniżżlin u l-handbrake imtella, tħares lejn id-direzzjoni tal-Marsa. Hi u omm Sylvester fetħu l-bieba, u xi ħadd mill-irġiel niżżel il-handbrake. Qalet li hi kienet ilha ma tara lil Sylvester xi xahrejn, u mistoqsiha min kienu l-ħbieb tiegħu qalet li l-iktar li kienu jkunu ġeneralment kienu hi, Kilmer u l-għarusa ta' Sylvester, Jeanette.

**Brandon Vassallo** xehed illi huwa joqgħod Triq il-Għabex u fit-12 ta' Frar 2017 bejn is-siegħa u t-tlieta ta' filgħodu (01:00 – 03:00) sema` qisu ħoss ta' bombi żgħar tal-festa. L-ewwel sema` tnejn, imbagħad wara ftit tal-ħin sema` tnejn oħra. Wara sema` ħoss ta' karozza tirreżja, u dawn il-ħsejjes kollha instemgħu viċin tad-dar tiegħu, iżda hu ma marx jittawwal barra. Qal li Triq il-Għabex tmiss ma' Triq San Pawl. Filgħodu, bejn l-għaxra u l-ħdax (10:00 – 11:00) imbagħad mar jittawwal barra u ra ammont imdaqqas ta' ħġieġ fuq il-bankina u fit-triq. Dan il-ħġieġ kien f'biċċiet zgħar.

**Kevin Falzon** għażel li ma jixhedx wara li ġie mwissi dwar il-dritt tiegħu li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħhu.

**Jeanette Cachia** xehdet illi Sylvester kien l-għarus tagħha u kienet ilha tafu qisu sentejn u nofs jew tliet snin. Kienet taf li l-imputat jismu Aaron u qalet ġieli kienet ratu f'bar jismu The Game li kienet tiffrekwenta flimkien ma' Sylvester, Rebecca, Kilmer u Anthony, iżda ma setgħetx tiftakar jekk qatt kinitx rat lil Sylvester ikellem lill-imputat. Ftakret biss li Sylvester kien isellem lill-imputat. L-aħħar li rat lil Sylvester kien fit-12 ta'

Frar fis-siegħa ta' filgħodu (01:00) iż-Żurrieq. Sylvester kellu jmur jixtri x'jiekol imbagħad imur għandha. Aktar tard matul il-ġurnata oħtha qaltilha bl-inċident. Qalet li kienet taf lil Kevin Falzon, magħruf bħala iċ-Ċoqċoq, u li Sylvester kien ħbieb miegħu.

**Kilmer Borg** xehed illi ma jafx lill-imputat iżda xi darba wara s-sajf tas-sena 2016 kien rah ma' Sylvester għax iltaqgħu bil-karozzi. Hu kien fil-karozza ma' Sylvester u iltaqgħu mal-imputat li kien f'karozza oħra. Sylvester ma kienx waqaf ikellmu iżda kien daqqlu l-horn. L-aħħar li ra lil Sylvester kien fil-11 ta' Frar 2017 waqt li kienu qiegħdin fil-garaxx ta' Anthony jippreparaw biex jagħmlu iklu l-għada. L-għada filgħodu però ċemplitlu Rebecca u mar għandha, imbagħad marru għand Anthony u urewh ir-ritratti li kien hemm fuq il-media, u marru jduru bil-karozza ta' Anthony. X'ħin għaddew minn ħdejn l-iskola raw lil Kevin Falzon, magħruf bħala ċ-Ċoqċoq u staqsewh dwar Sylvester peress li kien jafu li xi drabi kienu jkunu flimkien. Falzon kien qalilhom li ser imur ifittex lil Sylvester magħhom u baqgħu sejrin ħdejn omm Sylvester, Mary, li kienet ix-xogħol f'Raħal Ġdid. Mary telgħet fil-karozza magħhom biex ifitxxu lil Sylvester u saqu lejn iż-Żurrieq. Anthony qabad triq b'oħra u għaddew mill-Marsa minn ħdejn bar bl-isem Monroe u hemmhekk raw il-karozza ta' Sylvester, naqra 'l fuq minn dan il-bar, ipparkjata fil-ġenb tat-triq fuq in-naħa tal-lemin tħares lejn id-direzzjoni tal-Marsa. Fil-karozza ma kien hemm ħadd, il-handbrake kien imtella u t-twieqi kienu nofshom imniżżlin. Iċ-ċwievet tal-karozza kienet fl-*ignition*. Mary saqitha lejn iż-Żurrieq flimkien ma' Rebecca, wara li Kevin jew Anthony niżżlu l-handbrake peress li kien iebes wisq biex tniżżlu Mary.

**Vince Schembri** xehed illi l-aħħar darba li kien ra lil Sylvester kien is-Sibt filgħaxija, il-ġurnata ta' qabel ma' inqatel, waqt li kienu fil-garaxx ta' Anthony Caruana jippreparaw għall-ikla. Sylvester kien ħareġ għal xi s-siegħa ta' filgħodu (01:00) bil-karozza tiegħu, Toyota Vitz, u ma kinux rawh iktar. Dak il-ħin Sylvester kien qalilhom "għandi qadja, ġew mhux ħa ndum." Qal li l-Ħadd 12 ta' Frar kien baqa' rieqed u x'ħin qam fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11:30) kien sar jaf bl-aħbar. Kien jaf li Sylvester kellu garaxx fejn kien iżomm il-karozza tiegħu, li kienet Volkswagen Passat, u li kellu wkoll Toyota Vitz. L-iktar ħbieb li kienu ikun magħhom kienu hu, Anthony Caruana u Kilmer Borg.

**L-Ispettur Christa Armeni** xehdet illi fil-15 ta' Novembru 2016 kienu marru l-għassa tal-Belt Valletta Godwin Caruana u oħtu Natasha Caruana biex jirrapportaw li kienet insterqet il-vettura tiegħu Toyota Starlet bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM829. Caruana kien qal li l-aħħar li kien ra l-karozza kien fl-14 ta' Novembru 2016 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00), u li ġimgħatejn qabel kien għadu kif tilef iċ-ċavetta.

**PC1100 Neil Micallef** xehed illi fil-11 ta' Frar 2017 huwa kien iddettaljat il-Ħamrun u għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00) kienu ġew notifikat minn WPC126 li kien hemm persuna mal-art fi Triq Simpson. Għalhekk huwa mar fuq il-post fejn sab lil WPC126 u l-vittma. Il-vittma kien mal-art, maġenb karozza Toyota Starlet bajda li kienet ipparkjata ħażin u kellha l-ħġieġ imkisser. Huma ċemplu għall-ambulanza mill-ewwel iżda rriżulta li l-vittma kien mejjet. X'ħin bdew jagħmel verifiki fuq din il-karozza in-numru ta' reġistrazzjoni ma kienx qiegħed jaqbel mal-karozza. Wara li lestew it-team mediku għamel tfittxija fuq il-vittma biex jara jekk kienx hemm xi dokumenti għall-finijiet ta' identifikazzjoni iżda ma sab xejn. Mistoqsi kemm kienet wiesgħa t-triq qal li kienet wiesgħa biżżejjed biex tipparkja karozza u tgħaddi karozza oħra.

**Id-Deptutat Reġistratur Margaret de Battista** preżentat kopja tal-*proces verbal* dwar il-qtil ta' Sylvester Farrugia li seħħ ġewwa l-Marsa nhar it-12 ta' Frar 2017, li ġie mmarkat bħala DOK MDB1.

**John Gera** xehed li kien inħatar mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella dwar każ ta' omiċidju ġewwa l-Marsa iżda sussegwentement il-kariga tiegħu ġiet revokata.

**Nicholette Muscat Terribile** xehdet illi f'Marzu 2017 hija kienet toqgħod f'Carm Angela House, St. Paul Street, Marsa flimkien ma' Deniro Magri u binhom li dak iż-żmien kellu seba` snin. Spjegat li bħala layout tad-dar, mill-bieb ta' barra l-ewwel titla taraġ, fl-ewwel sular hemm kamra tas-sodda fejn dakinhar kien reqdin hi u t-tifel u taraġ biex titla għal fuq fejn hemm kċina, kamra qisha *walk-in-wardrobe* u kamra tal-banju. Mistoqsiha tispjega kif inhu eżatt il-bieb ta' barra qalet illi għandhom qisha bħal tarġa, bieb tal-aluminium u eżatt wara bieb tal-injam, u x'ħin tiftaħ il-bieb tal-injam issib it-taraġ mill-ewwel.

Fil-lejl ta' bejn il-ħdax u t-tnax ta' Frar 2017 Deniro Magri u binhom kienu qed jilgħabu l-Playstation u hija kienet fuq is-sufan tarahom, u bdiet tmur għajna biha. Għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu (02:00) Magri qalilha li aħjar tmur isfel traqqad it-tifel peress li kien sar naqra ħin. Dak il-ħin hi niżlet bit-tifel fl-ewwel sular u semgħet il-bieb tal-aluminium jinftetaħ, u ħoss bħal tħabbita kbira u qisu tħaxxwix wara l-bieb. Hi marret biex titla fuq u rat lil Deniro Magri nieżel jiġri isfel. Bdew jisimgħu ħsejjes qishom ta' faqqaturi. Deniro Magri nieżel isfel biex jara x'kien hemm wara l-bieb u hi baqgħet fuq. Malli Magri fetaħ il-bieb mal-ewwel waqa` tyre kbir għall-ġewwa u xammew riħa qawwija ħafna ta' petrol ġejja minn ħdejn il-bieb. Magri neħħa t-tyre, hi niżlet u rat li fl-indana kien hemm ammont kbir ta' petrol għax kienet ser tiżloq u spiċċat saħansitra bil-petrol mal-ħwejjeġ tagħha. Mal-bieb kien hemm qisha biċċa ċarruta jew biċċa tal-kartun b'xi haġa mgeżwra magħha li kienet ħdejn l-għatba fejn kien hemm it-tyre u

kien hemm ukoll xi landa tal-petrol. Hi ħadet lit-tifel għand in-nanna u marret lura ħdejn Magri, imbagħad iddeċidew flimkien li jmorru għand il-ġenituri ta' Magri. Spjegat li kien il-bieb tal-injam li kien imċappas bil-petrol, u li l-bieb tal-aluminium ma jsakkruhx.

**PS51 Paul Sciberras** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 kienu qed jinvestigaw każ ta' omiċidju u dakinhar stess kellhom suspettat, u ċioe Deniro Magri. Tard filgħaxija hu akkumpanja lil PS1152 u marru d-dar tas-suspettat, bl-indirizz Carm Angela House, Triq San Pawl, Marsa. Hemmhekk Magri spjegalhom li waqt li kien id-dar mal-familja indunaw li kien hemm xi ħadd jilgħab mal-bieb ta' barra u għalhekk hu fetaħ il-kexxun tas-srievet, qabad pistola u mar fil-kamra li tagħti għal fuq il-bieb, ħareġ mit-tieqa u spara tiri minn hemm. Tfittxija għal *shells* vojta irriżultat fin-negattiv. L-għada imbagħad akkumpanja lill-Ispettur Arnaud biex tittieħed stqarrija awdjo-viżwali ta' Deniro Magri.

**PS991 Alexander Gauci** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00) kien ġie infurmat minn WPC126 Isabella Galea li fi Triq Simpson, Marsa, kienet sabet vettura wieqfa u ħdejn din il-vettura kien hemm persuna mixħuta mal-art li kienet bla ħajja. Hu mar fuq il-post flimkien ma' PC1100 u PC867 biex jassistu lil PS11 Daniel Zammit. Huma għalqu t-triq immedjatament biex jippreservaw ix-xena, u bdew jagħmlu stħarriġ mal-ġirien però ħadd ma kien sema` jew ra xejn. Hu għamel tfittxija għal xi affarijiet li setgħu kienu konnessi iżda kien hemm biss xi frak tal-ħġieġ ħdejn il-vettura.

**PC867 Carmel Camilleri** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00) mar fi Triq Simpson, Marsa, flimkien ma' PS991 u raw raġel mal-art wiċċu 'l fuq. Dak il-ħin it-traffiku kien għaddej iżda huma għalqu t-triq mill-ewwel u hu mar għall-Ispettur u ħadu fuq il-post. Dak il-ħin it-triq kienet għadha magħluqa u hu kompla jassisti fuq il-post.

**PS11 Daniel Zammit** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 għal ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu (05:00) irċieva telefonata mingħand WPC126 li infurmata li kienet sabet persuna mejta fi Triq Simpson. Hu taha struzzjonijiet biex iċċempel ambulanza u mar fuq il-post. Meta wasal l-istaff tal-ambulanza informawh li l-persuna kienet mejta, u peress li ra xi marki ta' demm fuq il-wiċċ ċempel lill-Ispettur u qallu li kien hemm possibilità ta' '*foul play*.' L-Ispettur mar fuq il-post, u marru wkoll tal-Forensika li ċċekkjaw il-karozza u kkonferma li kien hemm '*foul play*.' It-triq ġiet magħluqa minn kull naħa u baqgħet magħluqa sakemm tlestiet l-investigazzjoni. Fuq il-post apparti l-kadavru instabet karozza Toyota Starlet bajda li kellha l-windscreen ta' wara imkisser u kien fiha żarbun ta' sieq waħda tal-vittma. Irriżulta wkoll li l-pjanċi li kellha l-karozza ma kinux tagħha, u li l-karozza kienet insterqet xi żmien qabel mill-Belt Valletta.

**Riprodott** xehed illi huwa kien mar il-Forensic Unit biex jieħu *swab* mill-ħwejjeġ tal-vittma, u dawn huma l-esebiti indikati fit-tabella numru 2 tar-rapport tiegħu (*fol* 639). Kien ukoll hu li ġabar *swabs* mill-vettura ta' Kevin Falzon, indikati a *fol* 640. Fir-rigward tal-kampjuni indikati a *fol* 637 xehed li huwa ma kienx mar fuq il-post, u lanqas ma kien hu li ġabar il-kampjuni li li huma indikati fit-tabella numru 1 tar-rapport tiegħu, iżda kienu ġew mgħoddija lilu. Huwa esebixxa formalment in-nicca (Dokument 2), it-tap l-abjad tal-*jerry can* (Dokument 3), u par ingwanti tad-drapp ta' kulur skur.

**PS985 Stephen Pace** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 kien stazzjonat ic-CID u kien mar biex jassisti lill-Ispettur Arnaud ġewwa Simpson Street, Marsa għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30) minħabba li kien seħħ omiċidju. Kienu kellmu lil persuni li kienu joqgħodu fil-viċinanzi u fil-ħdax u kwart (11:15) marru jassistu lill-Ispettur Keith Arnaud ġewwa Triq San Pawl, fejn ukoll bdew ikellmu lil persuni li kienu joqgħodu fit-triq. F'din it-triq innotaw dar bi tlett CCTV *cameras* u ħabbtu biex forsi jirkupraw il-filmati iżda ma fetaħ ħadd. Dan il-bieb ma kellux numru u kien ħdejn garaxx bin-numru 112. Il-bieb kien tal-aluminium bl-irħam skur, u kellu bieb ieħor tal-injam warajh. Kif resqu lejn il-bieb tal-garaxx xammew riħa qawwija ta' petrol u kif fetħu l-bieb tal-aluminium ir-riħa kompliet tikber. Raw biċċa xkora fuq l-għatba tal-bieb li kienet kbira forsi għaxar pulzieri u kienet imrebla, b'tarf minnhom naqra maħruq.

**Il-Perit Richard Aquilina** xehed illi huwa kien ġie imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella sabiex jagħmel pjanta tal-post konness mas-sejba tal-kadavru ta' Sylvester Farrugia ġeewa Simpson Street, Marda u kien sema` xi xhieda dwar il-karozza li kienet instabet. Kien ukoll ġie nnominat sabiex jipprovdi aċċess għal fejn kienet din il-karozza biex tiġi startjata, u għalhekk il-pulizija kienu provdewlu ċ-ċwievet, u kienu marru fuq il-post u l-pulizija startjaw il-karozza. Il-garaxx reġa ingħalaq u ċ-ċavetta tħalliet għandu. Huwa preżenta kopja tar-relazzjoni li ġiet immarkata bħala DOK RAX1, u kopja tar-relazzjoni addizzjonali li ġiet immarkata bħala DOK RAX2.

**L-Ispettur Elliot Magro** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 għall-ħabta tas-sitta neqsin għaxra ta' filgħodu (05:50) kien ġie infurmat minn WPC 126 Isabella Galea li fi Triq Simpson, Marsa, kienet rat raġel mitluq fl-art quddiem vettura li kellha xi ħsarat. Hu ta struzzjonijiet lil WPC 126 biex isejjaħ ambulanza u mar fuq il-post Dr. David Fenech miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana li ċċertifika li l-vittma kien mejjet. Hu mar fuq il-post minnufih fejn ra raġel ta' madwar tletin sena wiċċu l-fuq b'saqajh il-barra mill-*parking bay* u kellu d-dmijja ma' wiċċu. Il-vittma kien liebes ingwanti u kellu flokk imtella ma' sidru, iżda kien ġie infurmat li l-flokk kien ittella mit-team mediku. Il-vittma ma kellux żarbuna fis-sieqa leminija. Fuq il-post kien hemm ukoll karozza Toyota Starlet ipparkjata eżatt quddiem ir-residenza bin-numru 49 li kellha l-windscreen ta' wara

imkisser. Il-vettura kienet mingħajr ċavetta. Irriżulta li l-pjanċi ta' din il-vettura, bin-numru EBQ952, ma kinux tal-vettura u kien ta' Toyota Vitz li kienet ġiet irrapportata misruqa fit-12 ta' Novembru 2016 ġewwa Ħal Luqa. Il-vettura kienet ipparkjata ħażin, fis-sens li kellha n-naħa ta' wara maħruġ ftit il-barra mill-kaxxa tal-parking. Il-ħġieġa ta' quddiem tan-naħa tax-xellug, u ċioe tan-naħa tal-passiġier, kienet imkissra u kien hemm il-ħġieġ fuq is-seat. Fuq il-*floorboard* ta' wara, bejn is-seat tax-xufier u s-seat ta' wara kien hemm żarbuna ta' lewn blu li kienet nieqsa minn fuq il-vittma. PS122 li kien ukoll ġie maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwirenti qallu illi l-ħsarat li kien hemm fuq il-*windscreen* jindikaw li x'aktarx kienet intużat arma tan-nar. Dr. Mario Xerri kien qed jagħmlu l-investigazzjonijiet tiegħu, u dawwar il-vittma wiċċu l-isfel u dehret ferita fuq in-naħa xellug tad-dahar taħt l-għadam tal-ispalla li minhha beda ħiereġ id-demm. L-identita tal-vittma kienet għadha mhux magħrufa, iżda x'ħin neħħewlu l-flokk raw tattoo fuq idejh bl-isem Sylvester, u eventwalment irriżulta li l-vittma kien ċertu Sylvester Farrugia miż-Żurrieq. Irriżulta wkoll li l-vettura kien ġiet irraportata misruqa fil-15 ta' Novembru 2016. Ftit l-isfel mix-xena instabu ġakketta ta' lewn aħmar, xi laqom tas-sigaretti tal-marka Palmol, li ġew elevati peress li seta` kien hemm xi konnessjoni mar-reat.

Aktar tard kien ġie infurmat mill-Ispettur Keith Arnaud li fi Triq il-Għabex, Marsa, kien hemm bieb ta' residenza fejn kien hemm riħa ta' *fuel* u xi oġġetti viċin dan il-bieb. Huwa kien mar fuq il-post minnufih u bejn il-bieb tal-aluminju u l-bieb ta' barra kien hemm riħa qawwija ta' fuel u xi oġġetti bħala xkora li ma kinux imqabbdin.

**Riprodott** xehed illi t-tarek tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ-952 insterqu fid-19 ta' Novembru 2016, u mhux fit-12 ta' Novembru 2016 kif kien indika preċedentement fix-xhieda tiegħu. Preżenta kopja tar-rapport relattiv, immarkat bħala DOK EMX1.

**Dr. Michael Camilleri** xehed in rappreżentanza tal-Malta Tourism Authority illi l-liċenzja tal-istabbilment The Game, bl-indirizz 64, Triq is-Salib, Marsa hija ta' bar u hija rreġistrata f'isem Jane Mejlak. Ma sab l-ebda liċenzja fuq isem l-imputat.

**Profs Marie Therese Camilleri Podesta** xehdet illi hija għamlet l-awtopsja ta' Sylvester Farrugia flimkien ta' Dr. Ali fit-13 ta' Frar 2017. Minn din l-awtopsja ġie stabbilit li l-kawża tal-mewt kienet *bullet wound* li għaddiet mill-qalb u mill-pulmun tax-xellug. Preżentat kopja tar-rapport, immarkat bħala DOK MTC1.

**Dr. Martin Bajada** preżenta bil-ġurament tiegħu vera kopja tar-rapport redat minnu li preżenta quddiem il-Maġistrat Dr. Aaron Bugeja fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Deniro

Magri li jirrigwarda l-omiċidju ta' Sylvester Farrugia. Dan ġie mmarkat bħala DOK MBX1.

**Riprodott** xehed illi Phantom Ship Supplies kellhom żewġ DVRs, u wiehed kellu *offset* ta' siegħa, tlett minuti u ħamsin sekonda, u l-ieħor kellu *offset* ta' żewġ minuti.

**PS122 Arthur Borg** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 kien għamel xogħol ta' fotografija bħala uffiċjal tas-SOCO, fir-rigward ta' allegat omiċidju ġewwa Triq Simpson, Marsa. Il-faxxiklu fotografiku ġie mmarkat bħala DOK AB1.

**Riprodott** esebixxa formalment l-oġġetti indikati a *fol* 532, 533 u 534 tal-atti.

**L-Ispettur Ryan Caruana** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 kien qiegħed jikkordina x-xogħol tal-forensika flimkien mal-esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti li kien hemm fuq il-post. Kif wasal fuq il-post kien hemm kadavru mgħotti mal-art ħdejn karozza Toyora Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni EBQ952. Il-vittma ġie eventwalment indikat bħala Sylvester Farrugia. Sussegwentement kien ġie struzzjonat mill-Ispettur Keith Arnaud biex jaċċedi ġewwa Triq Blue Grotto, Żurrieq biex isir eżami forensiku fuq il-karozza Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni SYL515.

**Dr Daniel Vella** xehed illi huwa kien għamel xi testijiet għal *fuels* fuq oġġetti, inkluż ħwejjeġ, mgħoddija lilu mill-pulizija, liema testijiet saru fi ħdan l-Universita ta' Malta. Huwa preżenta rapport li ġie mmarkat bħala DOK DV1.

**In kontro-eżami** xehed illi t-testijiet saru fil-laboratorju tal-Kimika tal-Universita ta' Malta.

**WPS250 Amanda Parascandolo Bunce** xehdet illi fil-15 ta' Novembru 2016 fl-għaxra u għoxrin ta' filgħodu (10:20) kien daħal rapport mingħand Godwin Caruana li kienet insterqet il-karozza tiegħu, Toyota Starlet bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM829. Din il-vettura kienet ipparkjata fi Triq l-Għajn, il-Belt Valletta. L-aħħar li raha kien il-ġurnata ta' qabel għal ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00) u filgħodu ma rahiex. Din il-karozza kellha l-liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni skaduti u kellha *sticker* f'dan is-sens li kienet ġiet imwaħħla minn PS1098. Ir-rapport, bin-numru 1/A/5067/2016 kien iddaħħal minn WPC128.

**PS264 Brady Jo Zammit** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 hu u l-Ispettur Kurt Zahra kienu għamlu tfittxija ġo residenza fejn kienet joqgħod Sylvester Farrugia, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Keith Arnaud. Din it-tfittxija kienet saret fil-presenza taz-zija tal-vittma,

Patricia Schembri, u kienu ġew elevati xi oġġetti ta' interess għall-investigazzjoni. Kienu għamlu tfittxija wkoll ġewwa Volkswagen Passat bin-numru ta' reġistrazzjoni DAD330 li kienet ipparkjata f'garaxx bl-indirizz 1, Triq Widnet il-Baħar, Żurrieq fil-presenza ta' Anthony Caruana, ħabib tal-vittma. Minn din il-karozza wkoll ġew elevati xi oġġetti li setgħu jkunu ta' interess għall-investigazzjoni. Aktar tard kienet saret tfittxija fl-istess garaxx minn PC1491 u WPC 363 fil-presenza ta' Anthony Caruana, minn fejn ġew elevati balaclava, u biċċa xkora mdawra b'tape li setgħet intużat bħala niċċa.

**Dr. Mario Xerri** preżenta kopja tar-relazzjoni li kien preżenta fl-atti ta' inkjesta dwar il-mewt ta' Sylvester Farrugia, li ġiet immarkata bħala DOK MSX1. Spjega illi huwa kien eżamina l-kadavru ta' Sylvester Farrugia, u kien eżamina wkoll lil Deniro Magri, Kevin Falzon u Aaron Cassar.

**Dr Marisa Mifsud** preżenta traduzzjoni għall-lingwa Maltija mill-lingwa Ingliża tar-rapport ta' eżaminazzjoni mediko-legali wara l-mewt, li ġie immarkata bħala DOK MM1.

**L-Ispettur Kurt Zahra** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 kien mar jassisti lill-Ispettur Keith Arnaud flimkien ma' PS264 fir-rigward ta' omiċidju. Huwa kien mar ma' PS264 biex jagħmlu tfittxija fir-residenza tal-vittma bl-indirizz 4, Santa Katerina, Triq il-Warda, Żurrieq. Preżenti għal din it-tfittxija kien hemm iz-zija tal-vittma, Patricia Hili Schembri. Waqt li kienet qed issir it-tfittxija fil-kamra tal-vittma hu kien qiegħed f'kamra oħra jitkellem ma' omm il-vittma. Imbagħad marru ġewwa l-garaxx li ġew infurmati li kien jagħmel użu minnu l-vittma, fi Triq Widnet il-Baħar. Din it-tfittxija saret fil-presenza ta' Anthony Caruana, ħabib tal-vittma. F'dan il-garaxx sabu Volkswagen Passat bin-numru tar-reġistrazzjoni DAD330 u saret tfittxija fiha. Huwa kien involut b'mod dirett fit-tfittxija li saret fil-garaxx fejn instabu balaklava, *duct tape*, xkora tal-patata li kellha kantuniera qisha mqatta, u kannestru b'qisu ħjut fih. Hu informa lill-Ispettur Keith Arnaud b'dan kollu.

**Jesmond Cassar u l-Ispettur Paul Camilleri** xehdu illi kienu għamlu rapport li esebew fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Deniro Magri dwar sparatura li kien hemm fit-12 ta' Frar 2017 f'Simpson Street, Marsa, fejn safa mejjet Sylvester Farrugia. Kopja ta' dan ir-rapport ġiet esebita u immarkata bħala DOK JC1, u esebew formalment 'balla sparata mgħaffġa."

**Dr. Ali Safraz** ikkonferma bil-ġurament tiegħu ir-rapport esebit a *fol* 451 tal-atti, u għaraf il-firma tiegħu fuqu.

**Ex-PS 650 Justin Tabone** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 huwa kien jaħdem il-Laboratorju tax-Xjenza Forensika u kien għamel xi eżamijiet bil-kimika għall-impronti diġitali u xi traċċi ta' evidenza oħra, fir-rigward ta' omiċidju li kien seħħ il-Marsa. Huwa ma kienx fuq ix-xena tad-delitt u kien irċieva l-esebiti mingħand l-uffiċjali tas-SOCO. Huwa ma kienx ifinalizza r-rapport u kien ta *hand over* u ħalla l-esebiti ma' PS1184 Patrick Grech.

**Riprodott** ikkonferma li huwa kien ħejja r-rapport immarkat bħala DOK VFB1.

**PS1166 Luca Grasso** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Keith Arnaud, kien għamel xi *door to door enquiries* ġewwa Triq San Pawlu u Triq il-Għabex, Marsa, biex jaraw jekk xi ħadd semgħax xi ħaġa. Dar minnhom, li ma kellhiex numru tal-bieb, iżda kienet biswit il-garaxx numru 112, kellha bieb tal-aluminium *gold* fuq barra u bieb ieħor tal-injam fuq ġewwa. Ħadd ma fetaħ meta ħabbtu l-ewwel darba, u għalhekk reġgħu marru aktar tard u reġa ma fetaħ ħadd. Huma iddeċidew li jiftħu l-bieb tal-aluminju u x'ħin fetħuh ħarġet riħa qawwija ta' *fuel* minn mal-bieb tal-injam. Fuq l-għatba tal-bieb kien hemm xkora imrembla. Huwa informa b'dan lill-Ispettur Keith Arnaud. Huwa għaraf li r-ritratti a *fol* 584 sa 594 juru t-triq fejn kienu qed jagħmlu *door to door enquiries*, ir-ritratti a *fol* 586 – 588 juru l-faċċata tad-dar li semma, ir-ritratt a *fol* 589 juri l-ixkora li sabu mrembla fuq l-għatba tal-bieb, ir-ritratt a *fol* 590 huwa tal-faċċata tad-dar u dak a *fol* 591 juri l-cameras li kienu nnutaw.

**PS1337 Kevin Caruana** xehed b'referenza għal DOK KA5 li din hija l-istqarrija tal-imputat, meħuda fil-15 ta' Frar 2017 mill-Ispettur Keith Arnaud. Huwa kien preżenti waqt it-teħid ta' din l-istqarrija, fejn wara li ngħata s-solita twissija l-imputat għażel li ma jweġibx u ma jiffirmax l-istqarrija. Huwa għaraf il-firma tiegħu f'kull paġna.

**WPS325 Victoria Fenech Buontempo** xehdet u preżentat kopja tar-rapport li kien ġie redat minn Ex PS650 Justin Tabone fir-rigward tal-inkjesta dwar l-omiċidju ta' Sylvester Farrugia nhar it-12 ta' Frar 2017 ġewwa Triq Simpson, Marsa. Dan ir-rapport ġie mmarkat bħala DOK VFB1.

**Riprodotta** esebiet kopja ta' Dokument 17AGXCF1 sa Dokument 17AGXCF14, li huma ritratti, li kien ħadem fuqhom es-PS650 Justin Theuma, u li ġew immarkati bħala DOK VFB1.

**Il-Prokuratur Legali Mario Buttigieg** preżenta kopja tar-rapport li kien issottometta lill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella, immarkat bħala DOK MB1.

**PC501 Duncan Dimech** ikkonferma illi d-dokument a *fol* 71 tal-atti hija riċevuta ta' *mobile* li kien kiteb hu u li kienet ġiet iffirmata mill-Ispettur Keith Arnaud. Huwa kien ukoll preżenti meta l-imputat iddikjara li kien jirrinunzja għad-dritt ta' assistenza legali, u għaraf id-dikjarazzjoni magħmula f'dan is-sena a *fol* 81.

**PS1152 Emanuel Saliba** għaraf il-firma tiegħu fuq id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd tal-parir legali li ngħata lill-imputat fit-13 ta' Frar 2017.

**Riprodott** esebixxa faxxiklu immarkat bħala DOK ESX1 li juri *timeline* minn *footage* ta' CCTV li kien ġabru fil-każ in kwistjoni.

**WPS126 Isabella Galea** xehdet illi fit-12 ta' Frar 2017 għall-ħabta tal-ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu (04:45) kienet sejra lejn l-għassa tal-Marsa għax-xogħol u rat karozza pparkjata laġenba ftit il-barra mill-bankina. Hija waqfet biex tara għaliex din il-karozza kienet ipparkjata ħażin u rat li l-ħġiega tal-windscreen ta' wara kienet miksura. Meta għamlet pass ieħor il-quddiem rat bniedem mixħut mal-art u peress li ma kinitx taf jekk kienx mejjet ċemplet għall-ambulanza u għall-assistanza mill-kollegi tagħha. Dan ir-raġel kellu żaqqu barra u żarbuna waħda, kellu l-minkeb imdaħħal fil-flokk, ftit demm ma' ħalqu u ma' imnieħru u għadira żgħira ta' demm taħt dahru. Hija għenet biex jitpoġġa *police tape* u marret tagħmel *door-to-door enquiries* fil-viċin.

**Is-Supretendent Ramon Cassar** xehed fir-rigward tas-sentenza esebita a *fol* 748 tal-atti illi oriġinarjament kien beda l-prosekuzzjoni ta' din il-kawża hu kontra l-imputat, li għaraf fl-awla u ċertu Noel Frendo. L-imputati kienu nstabu ħatja mill-ġuri u s-sentenza kienet ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell.

**PC 1491 Kurt Attard** u **WPC363 Caroline Meilaq** xehdu illi fit-12 ta' Frar 2017 kienu ġew infurmati mill-Ispettur Ryan Caruana li kien seħħ omiċidju ta' Sylvester Farrugia fil-Marsa. Huma eżaminaw il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SYL515 li kienet fi Triq Blue Grotto Avenue, Żurrieq. Għamlu wkoll tfittxija u elevaw xi oġġetti minn garaxx li kien jinsab ġewwa Triq Widnet il-Baħar, Żurrieq, u ħadu xi ritratti. Xogħolhom kien li jieħdu ritratti u jelevaw oġġetti. Preżentaw ir-rapport tagħhom, immarkat bħala DOK CM1 u esebew formalment kull kampjun elevat minnhom.

**PS186 Kristian Mintoff** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 kien ġie inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Anthony Vella sabiex jagħmel xogħol ta' *scene of the crime* u jieħu sehem fit-tftixxija fi Triq Diċembru Tlettax, Marsa, ħdejn l-istatwa tal-Madonna, fejn allegatament kienu tdawwbu xi affarijiet relatati mal-każ. Waqt din it-tfittxija ġiet elevata

landa tal-plastik b'kontenut ta' likwidu u għaddiha lil PC650 Justin Tabone biex jagħmel analiżi għall-impronti diġitali. Il-likwidu li kien hemm fil-landa għaddieh f'kontenitur lill-espert maħtur mill-Qorti Daniel Vella. Esebixxa rapport immarkat bħala DOK KMX1 u esebixxa formalment tyre ta' vettura li kien eleva għaliex kien instab fil-viċinanzi.

**PS586 Mario Azzopardi** xehed illi huwa kien involut fir-rapport preżentat minn PS122 u PS336 esebit a *fol* 519A, preżenta rapport bir-ritratti meħuda minnu fil-kamra mortwarja nhar it-13 ta' Frar 2017, li ġie mmarkat bħala DOK MAX1.

**PC955 Orazio Camilleri** xehed illi fit-12 ta' Frar 2017 huwa kien stazzjonat l-MT garaxx u kien ingħata struzzjonijiet biex jieħu l-kadavru ta' Sylvester Farrugia minn Simpson għall-kamra mortwarja.

**Antoine Mugliett** xehed illi huwa kien ġie inkarigat mill-Qorti sabiex jagħmel evalwazzjoni tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM829 u preżenta r-rapport relattiv li ġie immarkat bħala DOKAM1.

**Maria Dolores Fenech** xehdet in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti u esebiet lifters elevati minn PS122, immarkati bħala DOK DF1, *submission forms* imsemmija fir-rapport konġunt ta' PS336, PS122 PS586, immarkati bħala DOK DF2, DOK. 17 AJX C-SG1 li ġie mmarkat bħala DOK DF3, formoli ta' sottomissjonijiet msemmija fir-rapport ta' PS650 immarkati bħala DOK DF4 u DOK. 17 AJX C-E3 immarkat bħala DOK DF.

**Riprodotta** esebiet vera kopja ta' sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Ottubru 2004, immarkata bħala DOK MDF1.

**Joseph Mallia** xehed illi fis-27 ta' Lulju 2020 kien ħa l-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat quddiem il-Qorti u sussegwentement għamel analiżi komparattiva mal-impronti diġitali li jidhru faxxikolu fotografiku a *fol* 908 *et seq.* Minn dawk l-impronti diġitali li kien tajbin għall-fini ta' komparazzjoni ma kien hemm l-ebda impronta li taqbel ma' tal-imputat. Huwa preżenta r-rapport relattiv li ġie mmarkat bħala DOK JM1.

**Dr. Katya Vassallo** preżenta traskizzjoni tal-istqarrija awdjo-viżiva tal-imputat (DOK KA11), li ġie immarkata bħala DOK KV1.

**PC51 Paul Sciberras** xehed b'referenza għad-dokument a *fol* 929 illi fuq dan id-dokument kien qed jagħraf il-firma tiegħu li kien għamel meta rċieva karozza tal-

għamla Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni SIL515 nhar it-22 ta' Frar 2017 mingħand PC1491.

**EX-PC501 Duncan Dimech** xehed b'referenza għad-dokument a *fol* 1094 li dan id-dokument huwa *release form* ta' karozza li kienet ġiet rilaxxata mill-Forensika u hu kien ħa *handover* taċ-ċwievet u għaddihom lill-uffiċju tac-CID Homicide Squad, u għaraf il-firma tiegħu fuq id-dokument.

**PS985 Emanuel Dalli** xehed illi hu kien ingħata inkarigu mill-Maġistrat Inkwirenti bħala *Scene of Crime photographer* u espleta dan l-inkarigu waqt li kienu saru żewġ tfittxijiet ġewwa Triq Diċembru Tlettax, Marsa nhar it-12 ta' Frar 2017 u preżenta rapport b'dawn ir-ritratti immarkat bħala DOK EDX1.

**Deniro Magri** għażel li ma jixhedx wara li ġie mwissi dwar il-dritt tiegħu li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħhu.

**L-imputat Aaron Cassar** xehed illi kien sar jaf lil Sylvester Farrugia wara li kien ħareġ mill-ħabs u Farrugia kien jisliflu l-karozza tiegħu biex ikun jista' jmur jiltaqa` ma' Ruth Dyer f'Reno's Guest House li tinsab Birżebbugia. Huwa u Dyer kien jmorru f'din il-guesthouse kull ġimgħa, ġeneralment jaslu hemmhekk il-Ġimgħa jew is-Sibt fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar u kienu jibqgħu hemm sal-Ħadd għal xi l-ħdax ta' filgħodu. Qal li filfatt fil-*weekend* meta seħħ l-allegat attentat ta' ħruq mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kien qiegħed ma' Ruth Dyer f'din il-guesthouse.

Lil Kevin Falzon magħruf bħala ċ-Ċoqċoq kien jafu, u lil Sylvester Farrugia kien jafu ma' Falzon, u kien iltaqa' miegħu fl-2016. Farrugia beda jisliflu l-karozza b'rispett ta' Falzon, peress li Farrugia kellu żewġ karozzi, waħda Volkswagen Passat u oħra Toyota Vitz. Il-karozza li kien jisliflu Farrugia kienet it-Toyota Vitz. Darba minnhom kien ħalla l-flokk f'din il-karozza, u insista li l-flokk instab ħdejn il-kadavru ta' Farrugia għaliex kien libsu ċertu Jason magħruf bħala d-Diddu, xi ħaġa li jgħid li huwa sar jaf mingħand Kevin Falzon. Huwa preżenta ritratt tiegħu innifsu fil-karozza ta' Farrugia, fejn jgħid li kien seta` ħalla dan il-flokk, liema ritratt ġie mmarkat bħala DOK AC1. Preżenta wkoll sett ta' ritratti li kienu ttieħdu meta kien ikun fil-guesthouse ta' Birżebbuġia flimkien ma' Ruth Dyer.

**In kontro-eżami** u mistoqsi sabiex jispjega aħjar ir-ritratt immarkat bħala DOK AC1 wieġeb li dan ir-ritratt ittieħed fil-karozza Toyota Vitz ta' Sylvester Farrugia u qiegħed mingħajr flokk b'mod li dan ir-ritratt juri li seta` verament ħalla l-flokk warajh li imbagħad intlibes minn Jason magħruf bħala id-Diddu. Qal li dan ir-ritratt kien ittieħed lilu minn

Ruth Dyer waqt li kienu Baħar ic-Cagħaq xi ġimgħat qabel inqatel Farrugia. Farrugia kien dam qisu xi xahar u nofs jisliflu l-karozza biex jużaha xi tlett siegħat fil-weekend. Mistoqsi biex jispeċifika meta kien dan qal li dan kien għax-xhur bejn Ġunju u Ottubru 2016. Mistoqsi dwar il-flokk ta' kulur li nstab viċin il-kadavru qal li dan jista' jkun tiegħu u hu kien ħallih fil-karozza ta' Sylvester imbagħad kien libsu Jason magħruf bħala d-Diddu. Lil dan Jason magħruf bħala d-Diddu huwa ma jafux u qatt ma rah jew kellmu. Muri ż-żewġ *stills* fin-naħa t'isfel ta' *fol* 866 qal li mhuwiex qed jgħaraf liċ-Ċoqċoq fihom. Muri d-dokument a *fol* 82 immarkat bħala DOK KA10 u fuq suġġeriment tal-uffiċjal prosekutur li dan juri lilu, innega li jidher hu fir-ritratt u qal li ma jistax ikun li huwa hu u li m'hu qed jagħraf lil ħadd fih. Mistoqsi dwar il-karozza Toyota Starlet li ħdejha nstab il-kadavru ta' Sylvester Farrugia xehed illi hu qatt ma rikeb f'din il-karozza. Qal li jiftakar lil Kevin Falzon b'Toyota Starlet, iżda dan kien wara li bdiet din il-kawża, għaliex fiż-żmien tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri Falzon kellu Peugeot 306. Mistoqsi allura kif jispjega għalfejn instab id-DNA tiegħu f'din il-karozza wieġeb li ma jafx, iżda forsi huwa kien mesaħ imnieħru jew ħalqu mal-flokk li mbagħad intlibes minn xi ħadd ieħor, u din il-persuna misset mal-bieba waqt li kien liebes il-flokk tiegħu. Mistoqsi jekk Jason magħruf bħala d-Diddu kienx ħabib ta' Sylvester Farrugia jew ta' Kevin Falzon wieġeb li ma jafx. Qal li Kevin Falzon qallu li dakinhar kien hemm magħhom Jason magħruf bħala d-Diddu li kien libes il-flokk li hu ħalla fil-karozza ta' Sylvester għax ma sabx biex jgħatti wiċċu. Muri r-ritratt a *fol* 82 immarkat bħala DOK KA10 qal li l-persuna li tidher f'dan ir-ritratt tagħti lemhu lilu, iżda żgur li mhux hu.

**Ruth Dyer** xehdet illi ilha taf lill-imputat mis-sena 2014 u damu f'relazzjoni flimkien għal xi għaxar snin. F'dan il-perjodu kienu jmorru Reno's Guesthouse li tinsab Birżebbugia kull ġimgħa mill-Ġimgħa fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar sal-Ħadd fil-ħdax ta' filgħodu. Hija esebiet numru ritratti immarkati Dok RD1 sa DOK RD8 li tgħid li ttieħdu fil-guesthouse u postijiet viċin li kienu jiffrekwentaw hi u l-imputat. Tispjega li dawn il-postijiet kienu kollha viċin il-guesthouse peress li dak iż-żmien ma' kellhomx karozza. Murija r-ritratt immarkati bħala DOK AC2 xehdet li fir-ritratt fejn tidher hi r-ritratti ttieħdu mill-imputat u fir-ritratti fejn jidher l-imputat ir-ritratti ħadithom hi, filwaqt li r-ritratti fejn jidhru hi u l-imputat flimkien ittieħdu minn oħtha. Qalet li f'dan l-gallarija li tidher f'dawn ir-ritratti hija ta' Reno's Guesthouse, fejn huma kienu jqattu il-*weekend* peress li ma kinux joqgħodu flimkien.

**In kontro-eżami** xehdet li taf li l-każ seħħ fis-17 ta' Jannar jew Frar ta' seba' snin ilu għaliex omm l-imputat kienet qaltilha li l-imputat kien ġie arrestat id-dar. Qalet li hija filfatt għandha ritratt li kien ittieħed proprju fis-sittax, u ċioe lejliet il-każ, u għamlet referenza għal ritratti partikolari minn DOK AC2, liema ritratti ġew immarkati fuq wara

bl-ittri RA, RB u RC.[1] Minn fuq dawn ir-ritratt qrat id-data "15 February" li qalet kien il-Ġimgħa jew is-Sibt. Mistoqsija għalfejn għażlet dawn ir-ritratti partikolari wieġbet illi żgur dawn kienu l-aħħar ritratti li kienu ħadu eżatt il-ġurnata ta' qabel ġie arrestat l-imputat għaliex dawn kienu l-aħħar ritratti li kienu ħarġu fuq il-mobile. Meta ġie ssuġġerit lilha li l-każ seħħ f'Marzu u mhux f'Jannar jew Frar wieġbet li ħadet żball fid-data. Qalet li fis-16 ta' Marzu 2017 kienu marru jieklu f'ristorant bl-isem Water's Edge, faċċata ta' Reno's Guesthouse, imbagħad marru l-guesthouse u baqgħu hemm sakemm reġa wasal il-ħin biex joħorġu. Filgħaxija kienu marru jieħdu drink l-NV bar ħdejn il-guesthouse u kien hemm oħtha Concetta Cacciatolo magħhom. Mistoqsiha meta ġie arrestat l-imputat qalet li kien ġie arrestat xi ġimgħa wara. Qalet li peress li l-imputat ma kellux karozza kien imur b'tal-linja għaliha, u kienu jagħmlu l-istess ħaġa kull weekend. Dakinhar meta allegatament seħħ l-attentat ta' ħruq in kwistjoni kienet qamet xi s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu u l-imputat kien qiegħed fis-sodda.

**In re-eżami** xehdet li l-aħħar darba li hi u l-imputat marru l-guesthouse kien il-weekend meta allegatament seħħ id-delitt.

**Concetta Cacciatolo** xehdet b'referenza għar-ritratti immarkati bħala DOK AC2 illi dawn ir-ritratti juru lill-imputat u lill-oħtha Ruth Dyer. F'ritratt minnhom qalet illi mhijiex ċerta jekk hux qed tagħraf il-persuna, iżda possibilment huwa l-imputat meta kien żgħir, u dan ir-ritratt ġie immarkat bl-ittra A. Oħtha u l-imputat kien jkunu f'guesthouse f'Birżebbuġia u hi kienet tiltaqa' magħhom biex joħorġu flimkien. B'referenza għar-ritratti immarkati DOK RD1 sa DOK RD8 xehdet illi dawn ir-ritratti juru l-postijiet fejn hi kienet tiltaqa' ma' oħtha u l-imputat f'Birżebbuġia. Qalet illi kienet hi li ħadet ir-ritratti fejn oħtha u l-imputat jidhru flimkien.

**In kontro-eżami** xehdet li r-ritratti li ġiet murija ittieħdu xi sitt jew sebgħa snin ilu. Oħtha u l-imputat kienu jqattu` l-*weekend* sħiħ f'guesthouse Birżebbugia u hi kienet tmur tiltaqa' magħhom direttament hemm. Qalet li dan iż-żmien l-imputat kellu xi karozza iżda ma tafx x'karozza kienet. Mistoqsiha għalfejn dejjem kienu jmorru f'postijiet qrib il-guesthouse qalet li dan kien għaliex ġieli l-imputat ma kienx ikollu karozza u allura ma setgħux imorru xi postijiet oħra. Meta reġgħet ġiet mistoqsija dwar ir-ritratt parti minn DOK AC2 immarkat bl-ittra A qalet illi għaliha il-persuna li tidher fir-ritratt mhuwiex l-imputat iżda jixbah lill-imputat meta kien żgħir.

---

[1] Dawn ir-ritratti kienu oriġinarjament immarkati fuq wara bl-ittra 'A', 'B' u 'C'. Pero kien hemm parti mir-ritratti DOK AC2 li ġew immarkati bl-ittra 'B' minn Concetta Cacciatolo meta xehdet dwar ir-ritratti li kienet ħadet hi lill-imputat u Ruth Dyer, u kien hemm ukoll ritratt ta' terza persuna, ċertu Jason Spiteri magħruf bħala d-Diddu, li kien ġiet immarkata bl-ittra 'A' ukoll meta xehdet Concetta Cacciatolo. Għalhekk għal finijiet ta' kjarezza il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fl-atti sabiex dawn it-tlett ritratti li għamlet referenza għalihom Ruth Dyer jiġu minflok mmarkati bħala 'RA', 'RB, u 'RC.'

**Ikkonsidrat;**

L-Ewwel Imputazzjoni

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat b'attentat ta' ħruq volontarju b'periklu għall-ħajja ai termini tal-artikolu 316(a) tal-Kodiċi Kriminali.

L-investigazzjoni dwar dan l-allegat attentat bdiet waqt li l-pulizija kienet qed tinvestiga is-sejbien ta' kadavru fi Triq Simpson, Marsa, fit-12 ta' Frar 2017 minn WPS126 Isabella Galea waqt li kienet fi triqtha lejn l-għassa. Irriżulta li l-kadavru kien ta' Sylvester Farrugia u li Farrugia kien inqatel b'tir ta' arma tan-nar f'dahru. Il-kadavru ta' Farrugia instab ħdejn Toyota Starlet bajda, li rriżulta li kienet misruqa u li kellha pjanċi ta' reġistrazzjoni li ma kinux tal-istess karozza, u li wkoll kienu misruqa. Waqt li l-pulizija kienu qed jagħmlu *door-to-door enquiries* għall-informazzjoni fi Triq il-Għabex raw dar li kellha tlett cameras tas-sigurta u għalhekk ħabtu mal-bieb ta' din id-dar iżda ma fetaħ ħadd. Meta reġgħu marru lura reġa ma fetaħ ħadd, u għalhekk fetħu l-bieb tal-aluminium biex iħabbtu fuq il-bieb tal-injam li kien hemm wara l-bieb tal-aluminium. Jirriżulta li hekk kif fetħu l-bieb tal-aluminium ħarġet riħa qawwija ta' *fuel* u raw xkora imrembla fuq l-għatba. Mill-investigazzjoni tal-pulizija irriżulta illi f'din id-dar kien joqgħod Deniro Magri flimkien ma' Nicholette Muscat Terribile u binhom ta' seba' snin**.** Muscat Terrible xehdet li matul il-lejl tal-11 ta' Frar 2017 hi u Deniro Magri kienu għadhom imqajjmin għal xi s-sagħtejn ta' filgħodu. Dak il-ħin hi kienet marret tieħu lil binhom fis-sodda biex traqqdu u bdew jisimgħu xi ħsejjes barra mal-bieb, u ħsejjes qishom ta' faqqaturi. Meta Deniro Magri mar jiftaħ il-bieb tal-injam waqa' tyre kbir għall-ġewwa u bdew ixommu riħa qawwija ta' petrol. Skont Muscat Terrible tant kien hemm kwantita ta' petrol li kienet ser tiżloq fl-indana tal-bieb u spiċċat bil-petrol mal-ħwejjeġ tagħha. Hija rat ukoll biċċa ċarruta jew biċċa tal-kartun b'xi haġa mgeżwra magħha u landa tal-petrol. Il-verżjoni tal-prosekuzzjoni hija li meta Deniro Magri induna b'dan l-attentat huwa spara xi tiri li waslu biex il-persuni involuti jaħarbu minn fuq il-post, iżda Magri irnexxilu jolqot lil Sylvester Farrugia waqt li kien fil-vettura Toyota Starlet. Filfatt din il-vettura instabet bil-ħġieġ tal-windscreen ta' wara imkisser, u residenti li kienu joqgħodu fi Triq il-Għabex, u ċioe Silvia Camilleri u Brandon Vassallo, xehdu illi fit-12 ta' Frar 2017 filgħodu kienu raw ammont ta' ħġieġ fi triq, li Silvia Camilleri kienet kinset u ġabret f'borża li imbagħad jidher li ġiet elevata mill-pulizija. Brandon Vassallo xehed ukoll illi bejn is-siegħa u t-tlieta ta' filgħodu (01:00 – 03:00) sema` qisu ħoss ta' bombi żgħar tal-festa u ħoss ta' karozza tirreżja.

L-investigazzjoni magħmula mill-pulizija wasslithom biex jikkonkludu li l-imputat kien involut fl-attentat ta' ħruq tad-dar ta' Deniro Magri, allegazzjoni li l-imputat dejjem ċaħad. In atti m'hemm l-ebda prova diretta li torbot lill-imputat mar-reat mertu tal-ewwel

imputazzjoni, u l-każ tal-prosekuzzjoni huwa bbażat interament fuq provi ċirkostanzjali. Minn naħa tagħha d-difiża tikkontendi illi l-provi ċirkostanzjali prodotti f'din il-kawża mill-prosekuzzjoni mhumiex biżżejjed biex iwasslu għall-konvinċiment morali li l-imputat kien involut f'dan l-attentat ta' ħruq doluż lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. Skont id-difiża l-imputat ma setax ikun involut f'dan l-attentat għaliex dakinhar kien jinsab ma' Ruth Dyer, li filfatt tressqet bħala xhud biex tikkonferma dan. Id-difiża talludi wkoll illi possibbilment dan l-attentat ta' ħruq doluż ma kien xejn ħlief messa in xena maħluqa minn Deniro Magri biex jipprova jiġġustifika l-qtil ta' Sylvester Farrugia.

Skont il-ġurisprudenza in-nuqqas ta' provi diretti li juru li kien l-imputat li kkommetta r-reat addebitat lilu ma jwasslux awtomatikament għall-liberatorja tiegħu għaliex skont il-ġurisprudenza sejbien ta' ħtija jista' jkun ibbażat ukoll fuq provi ċirkostanzjali jekk dawn fl-assjem tagħhom ikunu biżżejjed sabiex iwasslu lil ġudikant għall-konviċiment morali lil hinn minn kull dubbju raġonevoli li l-imputat filfatt ikkometta ir-reati li bihom jinsab akkużat. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Micheal Ellul Vincenti** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Ottubru 2013:

> "Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."

Fuq l-istess linja ta' ħsieb, fis-sentenza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios** deċiża mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013 intqal illi:

> "*It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of*

*circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive*."

Finalment u fir-rigward tal-grad ta' prova li jrid jintlaħaq, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andy Buttigieg** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2023 fejn ġie kkonsidrat illi:

> "...biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat."

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-karozza li l-prosekuzzjoni tgħid li ntużat meta twettaq l-attentat ta' ħruq doluż, u ċioe Toyota Starlet bajda kienet karozza misruqa, li insterqet u ġiet irraportata misruqa f'Novembru 2016. Il-fatt li din il-vettura kienet misruqa jirriżulta mix-xhieda tas-sid tagħha Godwin Caruana u mix-xhieda ta' WPS250 Amanda Parascandolo Bunce li kkonfermat li Caruana kien mar jirrapporta mal-pulizija is-serqa tal-vettura tiegħu fil-15 ta' Novembru 2016. Minn *footage* ta' cameras ta' sigurtà li nġabar minn diversi postijiet kif spjegat fir-rapport tal-espert Dr. Martin Bajada immarkat bħala DOK MBX1 a *fol* 461 – 465, li jinkludi *stills* minn dan il-*footage* u *site plan* fuq mappa a *fol* 476[2] jirriżulta illi l-vettura Toyota Starlet fis-sagħtejn u nofs neqsin ħamsa ta' filgħodu (02:25) tat-12 ta' Frar 2014 tidher ġejja mid-direzzjoni ta' Triq il-Għabex, Marsa, u dieħla *one way* fi Triq it-Tiġrija Marsa bid-dwal mitfija. L-istess vettura baqgħet daħlet fi Triq Derby, Marsa, u tlett minuti wara tidher persuna, tiela u nieżla fi Triq Simpson. Dawn il-ħinijiet huma kompatibbli mal-ħin indikat minn residenti ta' Triq il-Għabex, Brandon Vassallo, li qal li sema` ħsejjes qishom bombi żgħar, li jidher li kienu l-ħsejjes tat-tiri ta' arma tan-nar, u ħoss ta' karozza tirreżja f'xi ħin bejn is-siegħa u t-tlieta ta' filgħodu (01:00 – 03:00). Dawn il-ħinijiet huma jaqblu wkoll mal-ħin li Nicolette Muscat Terrible qalet li indunaw bl-attentat ta' ħruq. Minn dawn ir-rapporti jidher ukoll li l-aħħar darba li l-vettura Toyota Starlet inqabet fuq il-cameras tas-sigurta kien proprju fil-camera li kienet tinsab fi Triq Simpson, ftit ta' metri l-bogħod

[2] L-istess jirriżulta minn rapport ta' PS1152 Emanuel Saliba, immarkat DOK ESX1 a *fol* 865 *et seq* tal-atti.

minn fejn eventwalment instabet din il-vettura bil-kadavru ta' Sylvester Farrugia ħdejha.

Il-vettura Toyota Starlet instabet bil-ħġieġ ta' wara mkisser, fatt kompatibbli mat-teżi tal-prosekuzzjoni li ntlaqtet minn tir ta' arma tan-nar fi Triq il-Għabex ikkonsidrat il-ħġieġ li nstab fit-triq mill-persuni li kienu joqgħodu f'din l-istess triq, u kkonsidrat ukoll li instabet tiċrita fis-seat li jidher illi ġie kkawżat minn tir ta' arma tan-nar. Jirriżulta wkoll li Sylvester Farrugia instab liebes żarbuna waħda, u ż-żarbuna li ma kienx liebes instabet proprju f'din il-vettura. F'din il-vettura instab ukoll it-tap tal-*jerrycan* li minn analiżi forensika irriżulta pożittiv għal aċċellerant tat-tip petrol, liema *jerrycan* kienet ġiet mormija minn Deniro Magri iżda nstabet mill-pulizija taħt Triq il-Għabex, u wkoll irriżultat pożittiva għall-aċċellerant tat-tip petrol. Fil-qrib instab ukoll *hoodie* ta' lewn aħmar, proprju fil-post fejn l-imputat jidher ħiereġ mill-vettura ta' Sylvester Farrugia. Mill-atti, u senjatament mir-rapport ta' Dr. Marisa Cassar immarkat bħala DOK MC a *fol* 103 *et seq* tal-atti jirriżulta illi fuq dan il-*hoodie*, kif ukoll fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bieba tax-xellug tal-imsemmija Toyota Starlet, instabu traċċi ta' materjal ġenetiku li wara analiżi komparattiva magħmula minn Dr. Marisa Cassar irriżulta li dawn jaqblu mal-profil ġenetiku tal-imputat.

Ċirka erba' minuti wara li beda jidher persuna tiela u nieżel fi Triq Simpson, tidher il-vettura Toyota Vitz ta' Sylvester Farrugia tinstaq fi Triq Simpson lejn Triq Balbi, terġa tirriversja għal ġo Triq Simpson lejn Triq it-Tiġrija u damet wieqfa xi minuti qabel ma nstaqet lejn id-direzzjoni ta' Triq Balbi. Din il-vettura imbagħad waqfet u minn naħa tax-xufier ħarġet persuna li l-prosekuzzjoni tgħid li huwa l-imputat, u reġa daħal fil-vettura ftit ta' sekondi wara. Din il-vettura imbagħad tidher tinstaq fi Triq Balbi lejn Triq is-Salib tal-Marsa. Għalkemm in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura ma jidhirx f'dawn l-istills mill-atti jirriżulta li din il-vettura hija l-vettura ta' Sylvester Farrugia minħabba illi mill-istills jidher li kellha fanali partikolari b'dawl mhux aħmar li jaqblu mal-fanali tal-vettura ta' Sylvester Farrugia. Din il-vettura, bin-numru ta' reġistrazzjoni SYL515, kienet imbagħad instabet minn omm Farrugia u xi ħbieb tiegħu, bit-twieqi imniżżlin u biċ-ċwievet fiha, ipparkjata wara ċ-Ċimiterju tat-Torok. F'din il-vettura kienu instabu traċċi ta' materjal ġenetiku fuq l-*isteering wheel*, il-*gear lever* u l-*handbrake* li mir-rapport ta' Dr. Marisa Cassar (DOK MC) jirriżulta li jaqblu mal-profil ġenetiku tal-imputat.

Waqt tfittxija magħmula fil-garaxx li kien jikri Sylvester Farrugia instabet xkora tal-patata li kellha kantuniera qisha mqatta. Din l-ixkora tidher li taqbel mal-biċċa xkora li nstabet fuq l-għatba tal-bieb tar-residenza ta' Deniro Magri li skont ix-xhieda PS985 Stephen Pace kellha tarf minnhom naqra maħruq.

Mill-assjem tal-provi għalhekk il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubbju raġonevoli l-attentat ta' ħruq doluż tad-dar ta' abitazzjoni ta' Deniro Magri u l-familja tiegħu, u kif dan huwa marbut mas-sejbien tal-kadavru ta' Sylvester Farrugia.

L-imputat jispjega s-sejbien tad-DNA tiegħu fil-karozza tal-għamla Toyota Vitz ta' Sylvester Farrugia billi jgħid li Farrugia kien jisilfu din il-vettura biex kien ikun jista' jiltaqa' ma' Ruth Dyer Birżebbuġia *fil-weekends* peress li dak iż-żmien hu kien għadu kif ħareġ mill-ħabs u ma kellux karozza. Id-difiża għalhekk targumenta li l-prova tad-DNA f'din il-vettura ma tistax titqies bħala prova inkriminanti ladarba ma jistax jiġi pruvat meta tpoġġa id-DNA tal-imputat li nstab f'din il-karozza. Il-Qorti tosserva però li din il-verżjoni tal-imputat tinsab kompletament kontradetta mix-xhieda ta' Ruth Dyer innifisha li qalet li l-imputat "ma kellux karozza u kien jiġi b'tal-linja għalija" u li hi u l-imputat dejjem kienu jmorru l-istess postijiet "għax il-ħajja tagħna hekk kienet, x'taqbad tagħmel bla karozza, tibqa Birżebbuġia" (*fol* 1423).

Id-difiża ssostni wkoll illi l-imputat ma setax kien involut fir-reat in kwistjoni peress li dakinhar kien ma' Ruth Dyer, u filfatt ressqet lil Ruth Dyer u oħtha Concetta Cacciattolo li t-tnejn qalu li dakinhar tar-reat in kwistjoni l-imputat kien Birżebbuġia magħhom. Minn naħa tagħha Ruth Dyer xehdet li dakinhar hi u l-imputat kienu filfatt ħadu xi ritratti, li hi għażlet mis-sett ta' ritratti immarkat bħala DOK AC2. It-tlett ritratt magħżula minn Dyer bħala r-ritratti li ttieħdu dakinhar tar-reat in kwistjoni ġew immarkati bl-ittra RA, RB u RC. Ruth Dyer qalet espressament illi l-imputat ma kienx involut fl-attentat ta' ħruq volontarju għaliex "kien miegħi" (*fol* 1410) u li għalkemm ma tiftakarx id-data b'mod preċiż għandha ritratti li juru lill-imputat magħha is-Sibt "lejliet li ġara" (*fol* 1411) u li "lejliet il-każ għandi ritratt fis-16, bid-data u l-location" (*fol* 1412). Hija għażlet ritratt minn DOK AC2, li ġie mmarkat fuq wara bl-ittra "RA" u qalet li dan ittieħed fil-15 ta' Frar, li kien il-Ġimgħa jew is-Sibt. Pero id-datestamp ta' dan ir-ritratt hija l-5 ta' Frar 2017, mhux 15 ta' Frar 2017, u fi kwalunke każ l-attentat ta' ħruq in kwistjoni seħħ bejn il-lejn tal-ħdax u t-tnax ta' Frar 2017. Għażlet ukoll żewġ ritratti oħra, li ġew immarkati bl-ittra "RB" u "RC" li qalet li "ħadnihom qabel ma ħriġna...ta' dakinhar tal-każ..." (*fol* 1415) u spjegat li kienet ċerta li dawn kienu ittieħdu dakinhar li seħħ l-allegat reat in kwistjoni "għax sakemm konna mmorru Reno's Guesthouse ir-ritratti kollha żviluppajthom u l-aħħar tnejn ħarġu dawn, mela l-aħħat tnejn kienu dawk l-aħħar għax imbagħad meta arrestajtuh ma bqajnix immorru Reno's Guesthouse" (*fol* 1417).

Il-Qorti tosserva però illi r-ritratt immarkat bl-ittri "RC" huwa doppju. F'DOK AC2 hemm ritratt ieħor identitiku, li huwa *date-stamped* u d-data hija "26 Novembru 2016" u ċioe

kważi tlett xhur qabel ma Ruth Dyer qalet li ttieħed.[3] F'dawn ir-ritratti Dyer u l-imputat qegħdin fl-istess post, fl-istess posizzjoni, liebsin l-istess u bl-istess espressjoni fuq wiċċhom, u l-Qorti m'għandhiex dubbju li dawn huma l-istess ritratt bl-unika differenza li wieħed juri d-*date stamp* u l-ieħor le. Inoltre, għalkemm Dyer xehdet li ċerta li dawn it-tlett ritratti ittieħdu dakinhar tal-allegat reat għaliex ma reġux marru Birżebbuġia wara l-arrest tal-imputat, jirriżulta li hemm diversi ritratti b'*date stamp* ta' data sussegwenti, u cioe 18 ta' Frar 2017, 11 ta' Marzu 2017, 18 ta' Mejju 2017 u 28 ta' Ottubru 2017 u r-ritratt tat-28 ta' Ottubru 2017 għandu *localisation stamp* f'Birżebbugia fl-istess indirizz ta' minn fejn ittieħed ir-ritratt immarkat bl-ittra "RA." Il-Qorti tinsab inoltre partikolarment perplessa dwar il-fatt li wieħed minn dawn ir-ritratt għandu bħala *date stamp* 18 ta' Mejju 2017 meta huwa mpossibli li l-imputat kien ma' Ruth Dyer dakinhar ikkonsidrat li l-imputat tressaq b'arrest f'dawn il-proċeduri f'Marzu 2017 u ingħata l-liberta provviżorja fit-8 ta' Ġunju 2017 u għalhekk fit-18 ta' Mejju 2017 l-imputat kien qiegħed il-ħabs taħt arrest preventiv. Ikkonsidrat dan kollu il-Qorti tqis li la x-xhieda ta' Ruth Dyer u lanqas ir-ritratt immarkati bħala DOK AC2 ma huma prova affidabbli.

Inoltre, x-xhieda tal-imputat, Ruth Dyer u Concetta Cacciattolo li l-imputat u Ruth Dyer kienu jqattu` *weekend* sħiħ f'Birżebbuġia, mill-Ġimgħa wara nofsinhar sal-Ħadd filgħodu, mingħajr ma jmorru postijiet oħra hija kompletament kontradetta mill-*localisation data* tal-*mobile* tal-imputat li tinsab fic-CD a *fol* 161 tal-atti. Din id-data turi li fil-*weekends,* inkluż il-*weekend* meta seħħ l-attentat in kwistjoni, l-imputat ma kienx iqatta' l-ħin tiegħu kollu f'Birżebbuġia iżda turi li l-mobile tiegħu kien qed jintuża minn diversi lokalitajiet madwar Malta. Fil-11 ta' Frar 2017 jidher illi fit-20:46 l-imputat kien jinsab il-Furjana, u mhux Birżebbuġia jiekol, jixrob u jiżfen ma' Ruth Dyer u Concetta Cacciatolo kif qalu fid-deposizzjoni tagħhom. Dan jikkontradixxi nettament ix-xhieda tal-imputat u tax-xhieda prodotti in difesa, u jkompli jimmina l-kredibbilita tagħhom. Barra minn hekk, meta waqt l-aħħar stqarrija rilaxxata minnu l-imputat ġie mistoqsi dwar fejn kien filgħaxija tal-11 ta' Frar 2017 b'referenza għall-*localisation data* tal-*mobile* tiegħu li kienet turi li f'20:46 l-imputat kienet qiegħed juża l-*mobile* tiegħu fil-Furjana, l-imputat stess qal kien mar qiegħed jixtri *fish and chips*, u għalhekk huwa stess ikkontradiċi x-xhieda tiegħu u ta' Dyer li dakinhar kienu flimkien Birżebbuġia bħas-soltu. Relevanti wkoll li d-data provduta mill-Go Mobile turi li dakinhar li seħħ l-allegat attentat l-imputat kien ċempel lil Kevin Falzon, magħruf bħala iċ-Ċoqċoq, u sussegwentement lil Sylvester Farrugia, li jirriżulta li ftit minuti wara din it-telefonata jidher li mar Birżebbuġia ħdejn l-imputat.

[3] Il-Qorti awtorizzat korrezzjoni fl-atti sabiex dan ir-ritratt jiġi mmarkat fuq wara bħala "R1" għall-aħjar intendiment tal-partijiet dwar liema ritratt qed issir referenza għalih mill-Qorti.

Fir-rigward tad-DNA tal-imputat li nstab fit-Toyota Starlet misruqa, l-imputat isostni li jista' jkun li instabet DNA tiegħu f'din il-karozza għaliex xi ħadd kien liebes il-flokk tiegħu li forsi kien fih DNA tiegħu u mesħu mal-bieba tal-karozza b'mod li din il-bieba ġiet kontaminata bin-DNA tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti din l-ipoteżi kompletament spekulattiva bl-ebda mod ma tista` titqies bħala verżjoni raġonevoli dwar għalfejn instab id-DNA tal-imputat fuq il-karozza misruqa Toyota Starlet. Bl-istess mod, il-fatt li l-imputat preżenta ritratt tiegħu f'karozza mingħajr flokk (parti minn DOK AC, immarkat bl-ittra A) ma jistax jitqies bħala prova li l-flokk li nstab fil-qrib tal-kadavru ta' Sylvester Farrugia, u li kellu fuqu DNA jaqbel ma' tal-imputat, kien jinsab hemm għaliex kien ħallih fil-karozza ta' Sylvester u libsu xi ħadd ieħor. L-ewwel nett ix-xhieda tal-imputat li kien juża l-karozza ta' Sylvester Farrugia ġiet kontradetta minn Ruth Dyer. It-tieni nett, u b'referenza speċifika għal dan ir-ritratt, il-Qorti m'għandha mod l-ebda kif tkun taf f'liema karozza ittieħed dan ir-ritratt, meta ttieħed, xi flokk kien liebes l-imputat u x'għamel bih wara li lesta jinnamra ma' Ruth Dyer. L-unika ħjiel li jingħata dwar dan kollu huwa fix-xhieda tal-imputat, iżda kkonsidrat il-kontradizzjonijiet kollha msemmija, il-Qorti ma tqis li x-xhieda tal-imputat hija affidabbli u kredibbli.

Barra minn hekk, wara li rat l-istills a *fol.* 876 tal-atti il-Qorti hija konvinta li, minkejja li l-istampi mhumiex kompletament ċari, il-persuna li tidher fihom hija proprju l-imputat, ikkonsidrat li l-fattizi tal-wiċċ u l-istatura jaqblu sew mal-imputat. Id-difiża preżentat ritratt ta' persuna oħra, ċertu Jason Spiteri, li tgħid li jixbah lill-imputat u li huwa l-persuna li jidher f'dawn l-istills. Dan ir-ritratt huwa parti minn DOK AC2 u jinsab immarkat fuq wara bħala "A" kif ukoll santa tal-mewt tal-istess persuna a *fol* 1487. Wara li rat dawn ir-ritratti però il-Qorti tibqa' konvinta li l-persuna li tidher fl-istills huwa l-imputat u mhux dan il-persuna li għalkemm verament jagħti lemħa mill-bogħod lill-imputat, għandu fattizzi differenti li ma jaqblux ma' dawn tal-persuna li tidher fl-istills.

Għaldaqstant mill-aspett fattwali il-Qorti tqis li x-xenarju alternattiv propost mid-difiża mhuwiex raġonevoli u ma jistax iwassal għall-konklużjoni li mhemmx univoċita fil-provi ċirkostanzjali mressqa mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti tqis li l-provi ċirkostanzjali prodotti mill-prosekuzzjoni juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni il-parteċipazzjoni tal-imputat fl-attentat ta' ħruq doluż kif allegat minnha.

Eżaminati l-provi u d-difiża dwar l-aspett fattwali ta' din l-imputat, il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tikkonsidra l-argumenti ta' natura legali li tressqu in difesa. Id-difiża ressqet żewġ argumenti: (i) illi l-atti li twettqu fil-każ odjerni ma jaqgħux entro d-definizzjoni ta' tentattiv skont il-liġi u (ii) illi l-imputat la jista' jinstab ħati bħala awtur u lanqas bħala kompliċi.

Id-difiża targumenta li skont il-liġi huwa biss jekk jiġi mwettqa atti li jagħtu bidu għall-esekuzzjoni tar-reat li jkun hemm tentattiv. Skont id-difiża f'dan il-każ kienu laħqu twettqu biss atti preparatorji u fl-ebda ħin ma kien hemm bidu tal-esekuzzjoni tar-reat għaliex in-niċċa ma nxtegħlitx, u għalhekk in pessima ipoteżi l-imputat jista' jinstab ħati ta' *littering.*

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Buttigieg** deċiża fid-29 ta' Marzu 2010 fejn dwar it-tentattiv ta' reat ġie kkonsidrat hekk:

> "Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: **"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."**
>
> Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':
>
> 1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.
> 2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
> 3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati.
>
> Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi jrid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma jkunx tgha bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.
>
> Kif ighid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:
>
> **"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the *mens rea*, nor if it goes no further than the stage of preparation."**
>
> Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?
>
> Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:
>
> **"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence.**

**When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution.”**

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Ciangura** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fl-10 ta' Ġunju 2002 fejn ġie spjegat hekk:

"*…fuq id-distinzjoni bejn atti preparatorji u atti li jammontaw ghall-bidu ta' l-ezekuzzjoni tad-delitt inkitbu volumi shah; u hafna huma wkoll dawk it-teoriji li gew proposti biex jghinu lill-gudikant jasal biex jigbed il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi. Bizzejjed wiehed jaghmel referenza ghall-esposizzjoni qasira ta' xi whud minn dawn it-teoriji li jaghti l-gurista Luigi Majno fl-opra tieghu* ***Commento al Codice Penale Italiano*** *U.T.E.T. (Torino), 1924, Vol. 1, para 293; hekk ukoll Francesco Antolisei fl-opra* ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** *Giuffre` (Milano), 1989, pagni 420-422. Fil-fatt, pero`, il-qrati taghna, ghalkemm spiss ghamlu referenza ghal xi whud minn dawn it-teoriji, qatt ma intrabtu ma xi teorija wahda partikolari, u dan peress li kull teorija tista' tghid li ghandha id-difetti taghha. U fir-realta` il-linja ta' demarkazzjoni bejn atti preparatorji u atti ezekuttivi wiehed jista' aktar isibha billi japplika l-buon sens fl-analizi tal-fatti li jkunu rrisultaw fl-isfond tar-reat partikolari li tieghu ikun qed jigi allegat li kien hemm it-tentattiv, milli billi jintrabat ma' xi teorija partkolari. Din il-linja ta' pratticita` giet proposta, fost ohrajn, mill-gurista Petrocelli. Fi kliem Antolisei:*
***Con molta dottrina e con mirabile chiarezza l'insigne penalista ha sostenuto che l'atto esecutivo si ha quando il mezzo o, meglio, l'energia destinata a produrre l'offesa inerente al reato, e` messa in opera secondo la sua natura o destinazione. Il giudice, col sussidio dell'esperienza, deve trarre l'idea e i caratteri dell'azione che e` "propria" di ciascun delitto della relativa fattispecie e, quindi, cogliere il momento dinamico che dell'azione stessa esprime l'"inizio" e pone in essere l'atto esecutivo.****"*

Relevant wkoll l-insenjament tal-Professur Mamo li fin-noti tiegħu jispejga hekk dwar meta għandu jitqies li jkun twettaq att li jagħti bidu għall-esekuzzjoni tar-reat:

"*So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of execution of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order*

*to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral part of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution*."[4]

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Frar 1993 fejn l-imputat kien instab ħati ta' attentat ta' serq minkejja li ma kienx laħaq daħal fir-residenza li kien beħsiebu li jisraq għaliex ġie pruvat li kien qiegħed jipprova jisforza biex jiftaħ tieqa, u l-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat ir-raġunament tagħha hekk:

> "Il-kompitu ta' din il-Qorti effettivament jirrisolvi ruhu fl-ezercizzju li trid tiddeciedi jekk l-agir ta' l-imputat kienx jammonta jew le ghall-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. Din il-Qorti hi tal-fehma illi sakemm l-imputat baqa' jhabbat biss fuq il-bieb u jcempel il-qanpiena, jista' jkun li kien ikun hemm dubbju dwar jekk sa dak l-istadju biss kienux jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi biex ikun hemm it-tentattiv tas-serq, u din il-Qorti hija propensa li tghid li f'dawk ic-cirkostanzi kienet issibha difficli biex tasal ghal konkluzjoni li kien jissussisti t-tentattiv. Pero l-imputat mar oltre billi wara illi cempel il-qanpiena diversi drabi u anke habbat u sabbat mal-bieb tad-dar imsemmija, huwa mar jipprova jisforza biex jiftah it-tieqa u kien f'dan il-mument illi lemah u gie identifikat minn Adriana Debono. Fil-fehma ta' din il-Qorti malli l-imputat mess it-tieqa, ma setax ikun hemm aktar dubbju li kien oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jaghtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt. F'dan il-kaz, it-tbaghbis mat-tieqa kien certament fatt li jikkostitwixxi fih innifsu bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz ma giex ezegwit minhabb l-accidentalita tal-fatt li inzerta li kien hemm god-dar wara l-istess tieqa Adriana Debono, li malli raha, l-imputat harab.
> Ic-cirkostanzi f'dan il-kaz jitkellmu wahedhom. Huwa inutile illi l-imputat jissottometti illi l-istess cirkostanzi huma tali illi minnhom m'ghandux jigi dedott l-intenzjoni tieghu kienet li jisraq. M'hemm assolutament xejn aktar fil-process li jista' jaghti hjiel jew l-icken indikazzjoni li seta kien hemm xi intenzjoni ohra …"

B'mod speċifiku għar-reat ta' ħruq doluż, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja** deċiża mill-Qorti Kriminali fit-3 ta' Frar 2004 fejn ġie spjegat hekk:

> "*Bizzejjed li jaqbdu anki ftit jew aktar mill-oggett infjammabbli li flimkien mal-gebel u* fixtures ohra jikkomponu dar t'abitazzjoni jew jghammruha, b' mod li joholq l-perikolu potenzjali jew ghall-inkolumita` tal-okkupanti jew ghall-istess proprjeta` biss (fil-kaz tas-subinciz (b)), biex ikun kunsmat ir-reat.*"*

[4] Mamo Notes, First Year, pġ. 162.

Mill-atti jirriżulta illi kien tpoġġa *tyre* kbir mal-bieb tal-injam tar-residenza ta' Deniro Magri kif ukoll xkora mrembla li kienet ser iservi bħala n-niċċa. Jirriżulta wkoll li kien inxtered aċċellerant, u ċioe petrol, u dan fi kwantità pjuttost sostanzjali. Id-difiża targumenta li dan pero mhuwiex biżżejjed sabiex jitqies li kien hemm tentattiv ta' ħruq doluż peress illi dawn huma kollha atti preparatorji, għaliex il-bidu tal-esekuzzjoni tar-reat isseħħ meta jitqabbad in-nar, att illi ma seħħx. Dan l-argument tad-difiża pero, u ċioe li n-niċċa ma tqabbditx, huwa kontradett mill-provi. PS985 Stephen Pace xehed illi fuq l-għatba tal-bieb tar-residenza ta' Deniro Magri kien hemm biċċa xkora imrembla, b'tarf minnhom naqra maħruq (*fol.* 405). Għalhekk minn din ix-xhieda jidher illi bħala stat ta' fatt in-niċċa kienet laħqet bdiet tiġi imqabbda, b'mod illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li r-reat ġie kkonsumat.

Fi kwalunke każ il-Qorti tosserva illi jekk skont is-sentenza appena ċitata fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Saviour Bugeja, huwa biżżejjed li jaqbdu ftit jew aktar mill-oġġetti fjammabbli biex ir-reat jitqies li ġie kkunsmat, allura t-tentattiv jissussisti f'xi punt qabel ma effettivament jaqbdu l-oġġetti fjammabbli. Il-Qorti tqis illi it-tixrid tal-aċċellerrant huwa att li manifestament juri intenzjoni kriminuża speċifika u li fiċ-ċirkostanzi bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala innoċenti jew joħloq xi dubbju dwar in-natura tar-reat li huwa intiż li jiġi kommess. Hekk kif inxtered l-aċċellerant żgur li ma jistax jingħad li possibilment ir-reat huwa wieħed merament ta' *littering* kif issostni d-difiża. Dan it-tixrid tal-aċċellerant jifforma parti integrali minn dik is-serji ta' atti li fil-kompletezza tagħhom jikkonsmaw id-delitt, u għaldaqstat, fid-dawl tal-insenjament tal-Prosessur Mamo hawn fuq ċitat, it-tixrid tal-aċċellerant huwa att li jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt.

Id-difiża targumenta wkoll illi minkejja l-fatt li l-imputat ġie mixli bħala awtur tar-reat il-prosekuzzjoni tammetti li kien hemm persuni oħra involuti. Skont id-difiża, għalkemm huwa legalment possibli illi l-imputat jinstab ħati bħala kompliċi, f'dan il-każ l-elementi tal-kompliċita ma jeżistux. Tgħid li l-ipoteżi tal-prosekuzzjoni hija li r-rwol tal-imputat kien li jsuq *getaway car,* u li allura ma kienx involut fl-aġir li kien qed iseħħ a dannu ta' Deniro Magri. Targumenta li l-aġir tal-kompliċi irid jaqa' fiż-żmien temporali tal-akkuża u li l-kompliċita trid isseħħ qabel l-akkadut u mhux wara, peress li f'Malta ma jeżistix il-kunċett ta' *accessory after the fact.*

Għandha raġun id-difiża meta tgħid li f'Malta ma jeżistix il-kunċett ta' '*accessory after the fact.'* Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Diċembru 2017:

> "**11.** Fil-liġi Maltija, il-figura ta' *accessory after the fact* li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi,

> biex ikun hemm kompliċita' fir-reat.1 Fin-Noti tal-Professur Mamo insibu dan li ġej: 'Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof ... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prisons, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity and not its fulfilment after the fact.'"

Illi pero, skont il-ġurisprudenza jekk ikun jeżisti ftehim minn qabel ma ġie kkunsmat ir-reat allura l-persuna li tkun wettqet dak l-att wara r-reat ma tkunx *accessory after the fact* iżda tkun wettqet att ta' kompliċita li jaqa' entro l-parametri tal-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stanley Chircop** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Ġunju 2002 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Li l-istess Prosekuzzjoni lejalment qablet li l-akkuza ta' komplicita' fit-traffikar tad-droga ma kienetx tirrizulta f'dan il-kaz u ghalhekk din il-Qorti ma ghandix ghalfejn tiddilunga hafna fuq dan l-aggravju hlief li tghid li taqbel mall-agravju li **ma setax ikun hemm att ta' komplicita' bil-fatt li wiehed jahbi il-mizien uzat mill-ispaccaturi, wara l-fatt, <u>sakemm ma rrizultax li dan kien bi ftehim minn qabel ma gie kkunsmat ir-reat</u> tal-ispacc**, haga li mill-provi l-Prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu li ma tirrizultax pruvata. [enfażi ta' din il-Qorti u sottolinear]

Dwar kif tista' ssir il-prova tal-hekk imsejjaħ '*common design'* il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Agatha Barbara et** deċiża mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Ġunju 1958 fejn intqal hekk:

> "…l-fatt li żewġ persuni jew aktar ikunu qegħdin jaġixxu flimkien u in komun għall-esekuzzjoni ta' skop apparentement kriminali hu ħaġa li tiġi argumentata, u tista' tirriżulta mill-attivitajiet singoli ta' dawk il-persuni, anzi rarament jissuċċiedi illi l-fatt attwali tal-kumpannija jista' jiġi pruvat b'xhieda diretti billi ftehim simili użwalment isir bil-ħeffa u segretezza, u għalhekk issir neċessarja l-prova ndizjarja."

Fil-każ odjern jirriżulta minn DOK AB a *fol* 161 illi l-imputat kien f'kuntatt ma' Sylvester Farrugia u Kevin Falzon matul il-ġurnata tal-11 ta' Frar 2017 qabel seħħ l-attentat ta' ħruq in kwistjoni. Ma sar l-ebda kuntatt bejniethom matul il-lejl u għalhekk dan jeskludi l-possibilita illi l-persuna l-oħra li l-prosekuzzjoni tgħid li kienet involuta fil-kommissjoni

tar-reat, u ċioe Kevin Falzon, ċempel lill-imputat wara li seħħ l-akkadut sabiex jitolbu jieħdu ‘l hemm mix-xena tar-reat. Dan għalhekk jeskludi l-argument tad-difiża li semmai l-imputat kien ‘*accessory after the fact.’* Il-Qorti tqis ukoll illi ma jistax ikun li l-imputat ġie fuq ix-xena wara l-akkadut ikkonsidrat illi (i) instab id-DNA tiegħu wkoll fil-vettura misruqa li ġiet użata biex jitwettaq ir-reat u li fiha inqatel Sylvester Farrugia u (ii) huwa inverosimili li l-imputat wasal minn Birżebbuġia sal-Marsa f’inqas minn ħames minuti. Ikkonsidrat it-trapass qasir ta’ ħin li għadda bejn il-ħin meta jidher persuna tiela u nieżel (Kevin Falzon skont il-prosekuzzjoni) fi Triq Simpson u meta daħlet fix-xena il-vettura ta’ Sylvester Farrugia misjuqa mill-imputat, il-Qorti tqis illi jirriżulta lil hinn minn kull dubbju raġonevoli li l-imputat kien fuq il-post flimkien ma’ Sylvester Farrugia u l-persuna l-ieħor, li l-prosekuzzjoni tgħid li huwa Kevin Falzon, waqt il-kommissjoni tar-reat. Dawn iż-żewġ fatti, flimkien mal-kommunikazzjoni li seħħet qabel, u mhux wara, it-twettiq tar-reat bejn l-imputat u Sylvester Farrugia u Kevin Falzon, jwasslu lil Qorti għall-konvinċiment morali li l-imputat kien parti mill-*common design* sabiex jitwettaq ħruq doluż fid-dar ta’ residenza ta’ Deniro Magri.

Il-fatt illi m’hemmx prova illi l-imputat direttament wettaq xi att konsumatur tad-delitt ta’ ħruq doluż ma jfissirx li l-imputat ma jistax jiġi mixli bħala ko-awtur, ladarba jirriżulta li l-imputat mhux biss kien fuq il-post iżda saq il-vettura li ppermettiet lilu u l-persuna l-oħra involuta jaħarbu minn fuq il-post. F’dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-24 ta’ Settembru 2004 fejn il-Qorti kien tal-fehma li l-appellant kellu jinstab ħati bħala ko-awtur fir-reat ta’ serqa minn bank meta r-rwol tiegħu kien ta’ xufier tal-van li kellu jħarrab lil min kien qed jisraq minn fuq il-post, u saħanistra minkejja li ma rnexxilux jagħmel dan għaliex laħqu waslu l-pulizija, wara li kkonsidrat hekk:

> “Dwar jekk l-appellant ghandux jitqies bhala ko-awtur jew bhala komplici, m'hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa ko-awtur fir-reat hawn in kwistjoni, *"ghax il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat"* (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et**, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309; ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484). Il-fatt li l-appellant ma harrabx lil min kien dahal jisraq mill-bank ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu. Huwa telaq minn fuq il-post ghax tfaccat il-Pulizija. Sadattant ir-reati in kwistjoni kienu gew kommessi.”

Għaldaqstant, u fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti tqis li l-imputat huwa ħati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta.

<u>It-Tieni u t-Tielet Imputazzjoni</u>

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat bis-serq ta' Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni JDM829, proprjeta ta' Godwin Caruana, li kienet il-vettura li ntużat sabiex jiġi kommess il-ħruq volontarju tar-residenza ta' Deniro Magri. Permezz tat-tielet imputazzjoni imbagħad l-imputat qiegħed jiġi akkużat bis-serq ta' par tarek tar-reġistrazzjoni bin-numru EBQ952 ta' vettura Toyota Vitz proprjeta ta' Albert Caruana. Dawn il-pjanċi kienu tpoġġew fuq il-vettura Toyota Starlet appena msemmija meta ntużat għat-twettiq tad-delitt in kwistjoni.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ imputazzjoni il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi li jorbtu lill-imputat mar-reati addebitati lilhom fihom. Filfatt anke fis-sottomissjonijiet finali tiegħu l-abbli prosekutur ma għamel l-ebda aċċenn għal dawn l-imputazzjoni u kif jinsabu sorretti mill-provi preżentati fl-atti. Għaldaqstant l-imputat qiegħed jiġi lliberat minn dawn l-imputazzjonijiet.

Ir-Raba` u l-Ħames Imputazzjoni

Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw l-użu tat-tarek misruqa tal-vettura Toyota Vitz fuq il-vettura misruqa Toyota Starlet. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ imputazzjoni kien meħtieġ li l-prosekuzzjoni tressaq prova li l-imputat kien jaf li t-tarek li kienu imwaħħlin mat-Toyota Starlet kienu ġew misruqa jew b'xi mod meħuda minn vettura oħra u ma kinux jappartjenu lil din il-vettura. Prova ta' dawn ma tinstab imkien fl-atti. Għaldaqstant, ikkonsidrat li ż-żewġ akkużi jeħtieġu espressament li l-użu ta' dokument falsifikat u d-dikjarazzjoni falza ikun sar xjentement, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jiġi liberat minn dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

Is-Sitt Imputazzjoni

Permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat bir-reat ta' riċettazzjoni. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Fenech** deċiża fis-16 ta' Ottubru 2018 fejn ġie spjegat hekk dwar dan ir-reat:

> "Sabiex persuna tinsab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru s-segwenti tliet rekwiżiti u cioe':
> a. il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor
> b. l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima; u
> c. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oġġett in kwistjoni.
> L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illeċita tal-oġġett suġġett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji.

Dan l-element formali tar-reat ikun jissussisti anki jekk l-akkużat ikun irċieva jew xtara l-oġġett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li tatu dan l-oġġett setgħet ġiet f'pussess ta' dak l-oġġett b'mod illeċitu u b'dana kollu xorta jilqa' għandu jew jixtri tali oġġett mingħajr ma jagħmel xejn biex jivverifika u jaċċerta ruħu li l-pussess ta' dik il-persuna l-oħra kien wieħed leġittimu u mhux kif kien qed jissuspetta hu. (Ara: Il-Pulizija v Darren Debono tal-15 ta' Jannar 2009 Appell Numru 248/2008, Pulizija vs Raymond Galea Appell Numru 285/2017 deċiża fl-4 ta' Settembru, 2018 u Pulizija vs Peter Carabott deċiża 15 ta' Settembru, 2010)."

Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda prova li l-imputat kien jaf illi l-vettura tal-għamla Toyota Starlet u t-tarek ta' reġistrazzjoni li kienu mwaħħla fuqha kienu effettivament misruqa. Lanqas ma hemm prova li l-imputat kellu jew messu kellu xi suspett f'dan is-sens. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova dwar element essenzjali ta' dan ir-reat, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jiġi liberat minn din l-imputazzjoni.

<u>L-addebitu tar-reċediva</u>

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni il-prosekuzzjoni preżentat is-segwenti sentenzi:

i. Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 19 ta' Jannar 2015 permezz ta' liema l-imputat ġie kkundannat ingħata sentenza ta' priġunerija ta' ħmistax -il xahar sospiża għal sentejn. Fir-rigward ta' din is-sentenza saret dikjarazzjoni mid-difiża li s-sentenza ma kinitx ġiet appellata;
ii. Sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) datata 10 ta' Diċembru 2015 permezz ta' liema ġiet ikkonfermata il-piena ta' tmien snin priġunerija erogata mill-Qorti Kriminali;
iii. Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-1 ta' Settembru 2004, u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) li kkonfermat din is-sejbien ta' ħtija, datata 28 ta' Ottubru 2004, iżda rriformat il-piena għal priġunerija ta' tlett snin u tlett xhur.

Għall-finijiet tal-applikabbilita tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad il-Qorti mhijiex sejra tieħu in konsiderazzjoni is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ottubru 2004 peress illi fid-data meta seħħ id-delitt in kwistjoni kienu għaddew aktar minn ħames snin minn meta ġiet skontata l-piena.

L-addebitu tar-reċediva, u l-applikabbilita tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubbju fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tal-10 ta' Diċembru 2015 u s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2015. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi għalkemm huwa minnu li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali

(Sede Superjuri) m'hemmx indikat in-numru tal-karta tal-identita tal-imputat, il-konferma tal-identita saret mill-prosekuzzjoni bil-produzzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur oriġinali f'dak il-każ, u ċioe s-Supretendent Ramon Cassar.

Konsiderazzjonijiet dwar il-piena

Dwar l-għan tal-piena inflitta fi proċeduri penali il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk Maalem Abderrahmane Lazhari Zamouche** deċiża fit-22 ta' Ottubru 2019 fejn intqal hekk:

> "Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :
> (a)Retributtiv;
> (b)Preventiv; u
> (c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena
>
> L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jaghmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad- dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita ' taghha.
>
> L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista 'tinghata tohloq f 'mohh is-soċjeta, b 'mod li dak li jkun jerġa jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mġeghela tixtarr sew il-konsegwenzi t 'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.
>
> L-aspett preventiv ghalhekk huwa dupliċi : wiehed ta 'natura ġenerali u l-iehor ta 'natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-sahha tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista ' jkun imrażna milli tikkommetti reati minhabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b 'mod li darb 'ohra jerġa jahsibha sew qabel ma jaghżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minhabba li l-Liġi penali tibda 'titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġieghel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu ghax jekk jiddelinkwu minghajr konsegwenza jew b 'konsegwenza żghira, isir konvenjenti ghall-membri fi hdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta 'delinkwenza b 'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita '. Is-soċjeta allura tehtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi mehtieġ ghall- eżistenza paċifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.

> Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-htija speċifika tal-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta 'trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali ghas- soċjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn proċess ta 'riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata 'mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta 'theddida ghas- soċjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.
>
> F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista 'jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mghejjun itejjeb l-imġieba tieghu b 'mod li ghalhekk ikun jista 'jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jghix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jaghmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawża b 'eghmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikaċja repressiva."

Fil-każ odjern, l-imputat instab ħati ta' attentat ta' ħruq doluż b'periklu għall-ħajja ai termini tal-artikolu 316(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jesmond Cassar** deċiża fit-18 ta' Ġunju 2024 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Għall-fini tal-piena, il-paragrafu (a) tal-artikolu 316 tal-Kap. 9 jipprovdi li jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena **jekk huwa seta'jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna**.Il-Qorti,fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ,meta anke mir-ritratti tal-faċċata tal-fond huwa evidenti li din mhux biss hija dar ta'abitazzjoni iżda waħda li m'hijiex fi stat dilapidata jew żdingata uiżda miżmuma fi stat esternament tajjeb,wieħed seta' faċilment jobsor li kien hemm persuni hemm ġew fil-ħin tal-ħruq."

Apparti l-istat tad-dar, il-Qorti żżid li ġaladarba l-attentat seħħ fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu, u ladarba din kienet dar ta' abitazzjoni, l-imputat seta` jobsor li f'dak il-waqt kien hemm persuni ġewwa.

Pero, ladarba l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' attentat ta' dan id-delitt ai termini tal-artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena għandha titnaqqas bi grad jew żewġ gradi. Għalhekk il-piena applikabbli hija ta' erba' snin sa sitt snin jekk jiġi applikat tnaqqis ta' żewġ gradi jew ta' ħames snin sa disa' snin jekk jiġi applikat tnaqqis ta' grad.

Imbagħad bl-applikazzjoni tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena għandha tiżdied bi grad minħabba l-effett tar-reċediva. Dan iwassal għal piena ta'

ħames snin sa disa' snin jew sitt snin sa tnax -il sena, skont it-tnaqqis li jiġi applikat ai termini tal-artikolu 41(1)(a).

Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni il-fedina penali ikkulurita tal-imputat, u b'mod partikolari il-fatt illi l-attentat li tiegħu qiegħed jinstab ħati ġie kommess inqas minn sena wara li l-imputat stess qal li kien għadu kif ħareġ mill-ħabs. Fil-fehma tal-Qorti dan juri li l-imputat ma tgħallem xejn mill-esperjenza li diġa kellu l-Qorti, inkluż kull opportunita li kien ingħata biex jirriforma qabel ma kien ingħata sentenza karċerarja effettiva. Inoltre il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni li l-attentat sar fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu, ċertament intiż biex ikompli jżid iċ-ċans li jkun hemm ir-residenti ġewwa d-dar u li kieku Magri u martu ma kinux għadhom imqajjmin u għalhekk ma ġiex interrott l-attentat fuq id-dar tagħhom dan in-nar seta` joqtol tlett minn nies, inkluż tifel ta' seba' snin. Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi l-imputat għandu jingħata l-piena fil-minimu tagħha.

Fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tosserva illi l-espert Joseph Malli kien ġie maħtur sabiex jagħmel analiżi komparattiva tal-impronti diġitali u tal-pali tal-idejn tal-imputat ma' lifters li nġabru minn fuq ix-xena tad-delitt, u l-ebda wieħed minn dawn ma' qabel ma' tal-imputat. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Darren Brincat** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Settembru 2017 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza illi meta l-hatra tal-espert ma tkun ta' ebda utilita għall-dik il-procedura, jew meta il-konkluzzjonijiet tieghu ikunu fin-negattiv, il-hati ma ghandux ikun ikkundannat ghal-ispejjez inkorsi f'dik il-hatra l-hatra. Ghalhekk jokkorri li jkunu ezaminati l-atti sabiex ikun accertat jekk u min kienu l-esperti mahtura sal-istadju qabel l-ammissjoni tal-appellant u jekk dawn kinux ta' utilita fil-kawza kontra tieghu;"

Għaldaqstant, ladarba il-konklużjonijiet tal-espert Joseph Mallia kienu fin-negattiv, il-Qorti tqis li l-imputat m'għandux jiġi kkundannat sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi ma' dan l-inkarigu.

Fir-rigward imbagħad tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Antwan Mugliett, ladarba l-imputat ġie liberat mill-akkuża relatata mas-serqa tal-vettura Toyota Starlet, il-Qorti tqis li l-imputat m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż relatati ma' dan ir-rapport.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 316(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċediva, filwaqt li ssibu mhux ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah minnhom, u tikkundannah għal piena ta' sitt snin priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas kwalunke perjodu li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas is-somma komplessiva elfejn u tlieta u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€2,083.90) in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti.[5]

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur

[5] €661.54: Dr. Martin Bajada; €472.20: PS336, PS122 u PS586 ; €6.61: Dr. Daniel Vella; €565.87: WPC Caroline Meilak; €62.51: PS186 Kristian Mintoff; €73: Dr. Mario Scerri; €42.72: Dr. Marisa Mifsud; €199.45: PS835 Emanuel Dalli.